Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 138 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Mark Galea

Spettur Robinson Mifsud

Vs

Antonio Ricci

Illum 30 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Antonio Ricci, detenur tad-dokument ta' residenza Maltija bin-numru MT 4555514 (0054768A), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti) talli:

Wara li rat is-Schengen Information System Alert datat is-7 ta' Frar, 2019, mahrug fuq talba tal-Pre-Trial Investigation Judge (Giudice Indagii Preliminari) fi hdan il-Qorti ta' Reggio Calabria, l-Italja, pajjiz skedat a tenur tar-regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (aktar il-quddiem imsejjah 'l-Ordni'), Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tad-9 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti iddeciediet li r-rekwiziti kollha kif stipulati bir-

regolament 59(3) tal-Ordni huma ghal kollox soddisfatti u ghalhekk ir-reat, li dwaru intalbet it-treggija, jikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni.

Illi ma giet sollevata ebda raguni msemmija fir-regolament 13 tal-Ordni li tammonta ghall-impediment ghall-estradizzjoni ('bar to extradition').

Ghaldaqstant ai termini tar-regolament 24 tal-Ordni -

Ordnat li l-estradand ghandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tieghu lejn l-Italja, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat.

Din l-ordni ghal-kustodja tal-estradand saret bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradand lejn l-Italja tkun soggetta dejjem ghal-"law of speciality" ossija in konnessjoni mar-reat addebitat lilu fil-Mandat t'Arrest Ewropew li abbazi tieghu saru dawn il-proceduri, u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, informat lill-estradand li:

a. M' huwiex ser jigi mregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

b. Ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

c. jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10 (1) u (2) tal- Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, gie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa ghandu jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Antonio Ricci, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Mejju, 2019, fejn interpona appell mis-sentenza tad-9 ta' Mejju, 2019 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti rimandanti fl-ismijiet premessi u mid-digrieti tal-istess Qorti tat-2 ta' Mejju, 2019 u tad-9 ta' Mejju, 2019 u talab lil din l-Onorabbli joghgobha tannulla l-imsemmija decizjonijiet jew, alternattivament, tirrevoka l-ordni ta' estradizzjoni lejn l-Italja.

Rat illi l-aggravi huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

a. **<u>Dwar ir-rikuza</u>**

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li kien evidenti li l-Onor Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech ma kellha qatt tiddeciedi dan il-kaz in kwantu, meta bdiet l-investigazzjoni gewwa l-Italja meritu ta' din it-talba ghall-estradizzjoni, l-awtoritajiet Taljani kienu talbu ghall-assistenza ta' l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali fiz-zmien meta hija kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali.

Illi l-esponent kien, wara li sar jaf b'dan il-fatt, permezz ta' rikors ipprezentat fit-30 ta' April, 2019 (*a fols* 49 u 50), talab ghar-rikuza ta' l-Onor. Magistrat imsemmija. Permezz ta' digriet tat-2 ta' Mejju, 2019, il-Qorti tal-Magistrati cahdet din it-talba ta' l-esponent (*vide fols* 63 sa 65).

Illi dan id-digriet huwa monk peress li huwa msejjes fuq informazzjoni altament parzjali moghtija *a voce* mill-avversarju fil-proceduri ta' l-esponent minghajr dokumentazzjoni in sostenn u minghajr il-possibilita` li tali informazzjoni tigi kontrollata. Id-digriet huwa monk ghaliex huwa msejjes fuq is-suppost dikjarazzjoni maghmula mill-avukat Dr Matthew Xuereb fis-sens li l-esponent ma iffigura f'ebda *records* mizmuma mill-Avukat Generali. Bil kemm hemm ghalfejn jinghad li t-talba ta' l-esponent tipprexxindi kompletament mis-suppost

indikazzjoni ta' ismu fir-*records* ta' l-avversarju tieghu fil-proceduri. It-talba tieghu ghar-rikuza ta' l-Onor. Magistrat sedenti kienet imsejjsa fuq il-fatt li fi zmien li nbdiet l-investigazzjoni tal-kaz gewwa l-Italja u kienet intalbet l-assistenza ta' l-awtoritajiet Maltin, l-Onor. Magistrat sedenti kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u kienet ir-rapprezentanta Maltija fil-Eurojust u ghalhekk huwa straevidenti li kienet direttament involuta f'din l-assistenza moghtija lill-istess awtoritajiet Taljani li llum qieghdin jitolbu l-estradizzjoni tieghu.

Illi fl-istess digriet tat-2 ta' Mejju, 2019, il-Qorti tal-Magistrati rrilevat li r-rwol taghha bhala qorti rimandanti ma kienx li tiddeciedi dwar il-htija o meno ta' l-esponent izda kien limitat ghad-decizjoni dwar jekk jezistux il-presupposti legali sabiex l-estradant jitregga' lura lejn il-pajjiz rikjendenti. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel zewg osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-presupposti legali f'dan il-kaz sabiex l-esponent jitregga' lura lejn l-Italja huma kontestati kif jirrizulta kemm mis-sentenza appellata kif ukoll minn aggravji ohra f'dan ir-rikors ta' l-appell. Ghalhekk il-prezenza ta' gudikant imparzjali kien altru minn essenzjali. Fit-tieni lok, ir-rwol tal-qorti rimandanti ma jista' qatt jipprexxindi mid-drittijiet fondamentali u l-principji ta' gustizzja naturali. Il-gudikant f'dawn il-proceduri ghandu jkun dejjem imparzjali u jekk il-Qorti tal-Magistrati, fl-osservazzjonijiet taghha, qed tinsinwa li l-imparzjalita` ma hijiex strettament necessarja fi proceduri bhal dawn, allura l-esponent minghajr tlaqliq jiddikjara li ma jaqbilx.

Illi l-procedura ta' Mandat ta' Arrest Ewropew hija wahda drakonjana ghall-ahhar. Huwa ghalhekk aktar u mhux inqas essenzjali li d-drittijiet ta' l-estradant li jkun ma jigux kalpestati. Fost dawn il-ftit drittijiet hemm dak ta' zewg stadji ta' proceduri quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja u l-parzjalita` lampanti f'wiehed minn dawn l-istadji ma tistax tigi biss rimedjata b'imparzjalita` fl-istadju ta' l-appell. Fl-eventwalita` li jintlaqa' dan l-aggravju l-esponent qieghed jitlob li l-kawza terga' tintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti rimandanti sabiex, bl-ghajnuna tal-legali tieghu, ikollu smigh imparzjali anke fl-ewwel istanza ta' dawn il-proceduri.

**b. <u>Dwar il-komportament tas-Sedja</u>**

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-komportament ta' l-Onor. Magistrat li ppresjediet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti rimandanti. Jinghad bl-akbar rispett li kien evidenti immedjatament kif il-kawza giet assenjata lilha li l-Qorti assumiet ir-rwol ta' prosekutur u dderigiet lill-prosekuzzjoni dwar il-procedura li kellha tigi adottata. Matul dawn il-proceduri, il-Qorti kostantement irrimarkat fuq il-mankanzi fil-Mandat ta' Arrest Ewropew u addirittura dderigiet lill-prosekuzzjoni sabiex tottjeni dokumenti korrettorji u dikjarazzjonijiet ohra.

Illi ghandu jigi rilevat li tali komportament jirrizulta anke mill-verbal tat-2 ta' Mejju, 2019 fejn il-Qorti, wara li ddikjarat li l-Mandat ta' Arrest Ewropew kien kontradittorju, esigiet ghal dikjarazzjoni tas-*Central Authority* Taljana sabiex tinnewtralizza wahda mid-difizi krucjali ta' l-esponent (*vide* l-ahhar zewg paragrafi *a fol* 54). Jigi rilevat li ma huwiex ir-rwol tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti rimandanti, u del resto ta' ebda qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, li tilqa' ghall-mankanzi tal-prosekuzzjoni sabiex tinnewtralizza d-difizi ta' l-estradant li jkun.

Illi l-ezempju migjub huwa biss wiehed minn sensiela ta' cirkostanzi fejn tali agir irrizulta b'mod manifest. L-esponent ghalhekk jitlob, sabiex jigu evitati diskussjonijiet dwar dak li effettivament sehh, li din l-Onorabbli Qorti tordna li jigu prodotti r-*recordings* tas-seduti kollha sabiex tkun fl-ahjar posizzjoni li tiggudika dwar dak sottomess f'dan l-aggravju.

Illi ezempju iehor huwa l-agir ta' l-Onor Magistrat sedenti kien meta l-avukati sottoffirmati kkomunikaw ma' l-avukat Taljan ta' l-esponent li kien qieghed hawn Malta ghas-seduta tas-6 ta' Mejju, 2019. Il-Qorti kkummentat negattivament dwar il-prezenza tieghu fl-awla (sic!) u, iktar tard, addirittura waqfithu milli jikkomunika ma' l-avukati sottoffirmati minghajr ma tat raguni ghal dan.

c. **<u>Dwar riferenza lil Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej</u>**

Illi t-tielet aggravju jittratta l-fatt li l-ewwel Qorti cahdet it-talba maghmula mil-estradant permezz ta' rikors ippresentat nhar it-2 ta' Mejju, 2019 [*a fol* 75] li ssir riferenza ghal-Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej in konnessjoni mal-inkorporazzjoni tal-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2002 [2002/584/JHA] fil-ligi nostrana.

Illi, ai fini ta' kjarezza ta' hsieb, sejrin jigu riprodotti fl-intier taghhom fit-test Ingliz l-artikolu nostran 31A tal-Avviz Legali 320 tas-sena 2004 u l-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' nhar it-13 ta' Gunju 2002 [2002/584/JHA].

L-artikolu 31A intitolat "*request by scheduled country to hear person*" jghid hekk:

**"31A.(1) This article applies if at any time in the course of the extradition hearing the court is informed that a request has been received from the judicial authority of the scheduled country to hear the person in respect of whom the Part II warrant is issued.**

**(2)The court shall decide, after consulting the Attorney General, whether –**

> **(a) to temporarily transfer the person requested to the requesting country under such conditions and for such period as may be agreed, with the concurrence of the Attorney General, with the requesting judicial authority; and**
>
> **(b) to order that the request shall be communicated to a magistrate for execution whereupon the provisions of article 649(1) and (6) of the Criminal Code shall apply."**

L-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru jghid hekk:

**"1. Where the European arrest warrant has been issued for the purpose of conducting a criminal prosecution, the executing judicial authority must:**

**(a) either agree that the requested person should be heard according to Article 19;**

**(b) or agree to the temporary transfer of the requested person.**

**2. The conditions and the duration of the temporary transfer shall be determined by mutual agreement between the issuing and executing judicial authorities.**
**3. In the case of temporary transfer, the person must be able to return to the executing Member State to attend hearings concerning him or her as part of the surrender procedure."**

Illi huwa palezi u ultra milli ovvju li meta fid-Decizjoni Kwadru ssir riferenza ghal *executing judicial authority*, din l-entita` hija misjuba fil-pajjiz fejn gie arrestat il-persuna kontra min inhareg il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Kwindi jinkombi fuq l-istat ta' Malta li twettaq jew l-pozizjoni fil-paragrafu (a) jew (b) tal-artikolu 18 imsemmi.

Illi, pero`, meta wiehed jaqra l-artikolu 18 tad-Decizjoni u jfittex il-korrispettiv ta' dan l-artikolu fil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, fl-umli fehma tal-esponent, jemergi bic-car li l-inkorporazzjoni tal-artikolu 18 fil-ligi nostrana qalbet ghal kollox tali obbligu billi fil-mument ta' traspozizzjoni Malta accettat dan l-istat ta' dritt biss meta ssirilha talba f'dan is-sens mill-*issuing state*. It-test tad-Decizjoni Kwadru msemmija fil-lingwa Maltija hekk kif pubblikat fil-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea ma jhallix l-icken dubbju.

Bil-fatt wahdani li l-ewwel Qorti, minflok ma rriferiet lil-Qorti ta' Gustizzja tal-Komuntiajiet Ewropej il-kwezit imqajjem, ghaddiet sabiex spjegat kif skond hi, "*Malta ttrammandat korrettament id-dispozizzjoni tal-artikoli 18 u 19 tad-Decizjoni Kwadru*[1]", aktar kompla jikser id-dritt tal-esponent ghal smigh xieraq, tenut kont tal-fatt li l-gudikant li ghadda tali "*gudizzju fuq Malta*" kienet il-persuna naturali li abbozzat tali emenda!

[1] *A fol* 144.

Ghaldaqstant l-esponent permezz ta' dana l-umli appell qieghed jinterponi appell ukoll min dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghal riferenza u permezz ta' dana l-aggravju l-esponent jibqa jishaq u jinsisti ghal riferenza lill-Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

**d. <u>Dwar il-pozizzjoni ta' suspettat jew imputat</u>**

Illi r-raba' aggravju jikkonsisti fil-fatt li huwa evidenti li l-esponent ma huwiex rikjest ghat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali skond it-tifsira tas-subinciz (4) ta' l-artikolu 5 ta' l-Ordni.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija v. Philip Mifsud</u>*** *(25.11.2013)*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qalet li Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mill-awtoritajiet Taljani ghal *ordinanza di custodia cautelare*, kif inhu l-mandat fil-kaz in dizamina, ma kienx jghaddi t-test tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 5 ta' l-Ordni qabel l-emenda introdotta permezz ta' l-Avviz Legali 421 ta' l-2013. Il-Qorti kompliet tosserva li hu car li f'dak l-istadju l-persuna tkun ghadha persuna indagata u mhux akkuzata. Meta tinghalaq l-investigazzjoni u jinhareg Mandat ta' Arrest Ewropew ghal *rinvio a giudizio* ma jkun hemm ebda ostakolu ghat-trasferiment tas-suggett fil-pajjiz rikjedent.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet The Police v. Johan Germaine Corneille Van Oudenhove *(22.11.2016)*, il-Qorti qalet bil-kliem introdotti bl-imsemmi Avviz Legali "*ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali*", il-posizjoni ma nbidlitx u estradizzjoni ma tistax issir ghall-finijiet ta' investigazzjoni mill-pajjiz rikjedent.

Illi huwa evidenti mill-kliem uzat f'diversi partijiet tal-Mandat ta' Arrest Ewropew li l-esponent huwa rikjest mill-Italja ghall-finijiet ta' investigazzjoni u mhux ta' prosekuzzjoni. Meta l-pajjiz rikjedent, b'mod skorrett, jasserixxi li estradant huwa rikjest ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali, il-

qorti rimandanti ghandha tissindaka tali dikjarazzjoni meta jkun evidenti li tali dikjarazzjoni hija kontradetta mill-istess Mandat ta' Arrest Ewropew.

Illi, jekk qatt kien hemm bzonn, l-artikolu 34(2bis) tal-Kodici Penali Taljan javvalla kompletament din it-tezi in kwantu jghid hekk:

**"Il giudice che nel medesimo procedimento ha esercitato funzioni di giudice per le indagini preliminari non può emettere il decreto penale di condanna, né tenere l'udienza preliminare; inoltre, anche fuori dei casi previsti dal comma 2, non può partecipare al giudizio".**

Illi, ghalhekk, huwa fatt gravi hafna li l-Qorti tal-Magistrati injorat it-talba maghmula mill-esponent permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' April, 2019 (*a fols* 51-52) u ghaddiet sabiex, *ex officio*, titlob dokument *toto caelo* differenti u, *di piu`*, mhux mitlub minn ebda wahda mill-partijiet. Ir-raguni ghat-talba ta' l-esponent hija spjegata fir-rikors imsemmi.

e. **<u>Dwar in-nullita` principali tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u tas-sentenza tal-Qorti Rimandanti</u>**

Illi l-hames aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Mandat ta' Arrest Ewropew li fuqu mxiet il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti rimandanti ghad-decizjoni finali taghha qatt ma gie notifikat lill-esponent u wisq anqas ma giet segwita l-procedura li kellha tigi segwita in segwitu ghal Mandat ta' Arrest Ewropew gdid.

Illi fis-6 ta' Mejju, 2019, l-Avukat Generali pprezenta Mandat ta' Arrest Ewropew mmarkat bhala Dok MXZ1 li ssostitwixxa dak originali notifikat lill-esponent. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li n-notifika ta' estradant bil-Mandat ta' Arrest Ewropew hija procedura essenzjali u *sine qua non*.

Illi huwa inkoncepibbli kif jista' jigi introdott Mandat ta' Arrest Ewropew gdid minghajr ma tigi segwita xi forma ta' procedura mfassla fl-Avviz Legali 320 tas-sena 2004 u jigi prezunt mill-prosekuzzjoni u mill-Qorti li tali Mandat ta' Arrest

Ewropew jissana u jissostitwixxi dak precedenti. Filwaqt li huwa veru li l-procedura tal-Mandat ta' Arrest Ewropew hija wahda li tissimplifika l-procedura ta' estradizzjoni, xorta ma tistax titqies bhala xi forma ta' DHL umana fejn in-nies jinbghatu lejn pajjiz rikjedent minghajr ebda prekawzjoni legali.

Illi dan igib necessarjament mhux biss in-nullita` tal-Mandat ta' Arrest Ewropew izda wkoll in-nullita` tas-sentenza appellata u l-procedura precedenti in kwantu msejjsa esklussivament fuq tali Mandat.

**f. <u>Dwar nullitajiet ohra fil-Mandat ta' Arrest Ewropew.</u>**

Illi dan is-sitt aggravju jittratta l-fatt li l-Mandat ta' Arrest Ewropew fih numru ta' nuqqasijiet. B'mod sistematiku dawn jistghu jingabru fis-segwenti:

a. Mandat ta' Arrest Ewropew fil-forma originali tieghu qatt ma ngab in atti.
b. Il-kwalifika taz-zmien tar-reat ma saritx a tenur tal-*lex fori*, ossia skond il-ligi nostrana u dana stante l-fatt li jissemma biss iz-zmien allegat meta l-agir illegali attribwit lill-esponent intemm pero` ma jissemma qatt meta nbeda!
c. Hemm kontro-sens in kwantu fil-parti inizjali tal-parti E qieghed jigi dikjarat li l-esponent huwa mitlub sabiex jwiegeb ghal reat wiehed, mentri aktar l-isfel fl-istess Taqsima ssir riferenza ghal zewg reati separati u distinti ossia d-delitt ravvisati fl-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali Taljan u dak ravvizat fl-artikolu 416bis tal-Kodici Kriminali Taljan. Dan il-fatt ser jigi trattat ukoll f'aggravju separat.
d. Fil-parti C, ossia d-dikjarazzjoni in konnessjoni mal-piena, l-awtoritajiet Taljani jiddikjaraw li l-piena hija dik ta' 7 snin mizjuda b'nofs. Dana pero` ma jsib ebda riskontru fit-test tal-Kodici Penali Taljan.

**g. <u>Dwar ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali</u>**

Illi s-seba' aggravju jittratta l-fatt li l-awtorità centrali maghzula minn Malta sabiex ticcertifika jekk l-allert inharigx minn entita` gudizzjarja kompetenti mill-pajjiz rikjedenti huwa l-Avukat Generali. Dan huwa fatt preokkupanti in kwantu

l-veracita` o meno tad-dikjarazzjoni a fol. 4 tal-atti processwali ma tistax tigi kontrollata mill-esponent.

Illi l-Avukat Generali huwa l-avversarju tal-esponent u jkopri r-rwol tal-Prosekutur Pubbliku ta' Malta ukoll. Pozizzjoni din li giet iccensurata mill-*Venice Commission* u anke mil-Qorti ta' Strasbourg fid-decizjoni taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet ***Camilleri v. Malta*** (Application no. 42931/10 – Dec. 27 ta' Mejju, 2013). Kwindi l-artikoli 6A u 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 huma dijametrikament opposti ghat-tghalim fuq imsemmi.

Illi l-esponent umilment jikkontendi li dan il-fattur wahdu wkoll jilledi d-dritt tieghu ta' smigh xieraq, *multo magis* maghdud mal-aggravji l-ohra fuq indikati.

**h. <u>Dwar ir-reat li ghalih qieghed jintalab l-esponent</u>**

Illi t-tmien aggravju ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li r-reat – ossia reati – li ghalih qed tintalab it-treggija lura ta' l-estradant ma jissodisfax dak rikjest mill-paragrafu (b) tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 59 ta' l-Ordni, u cioe` li "*l-imgieba kienet tikkostitwixxi reat taht il-ligi ta' Malta li kieku din tkun grat f'Malta*".

Illi jibda biex jinghad li ghalkemm il-Mandat ta' Arrest Ewropew jindika, fil-paragrafu E tieghu, li l-istess mandat inhareg ghal reat wiehed ("*1 crime*"), minn qari akkurat ta' l-istess mandat jirrizulta li dan ma huwiex korrett. F'diversi partijiet tal-mandat jirrizulta li r-"reat" li ghalih qed tintalab it-treggija lura ta' l-esponent huwa dak kontemplat fl-artikoli 416 u 416 bis 1 tal-Kodici Penali Taljan. Kif Inghad, dawn huma zewg reati separati u distinti.

Illi jinghad fl-ewwel lok li din l-incertezza – anke in omagg ghar-*rule of speciality* – hija tali li tirrendi null il-mandat. Fis-sentenza appellata ma sar assolutament ebda accenn ghal dan il-fatt.

Illi l-**artikolu 416** bis tal-Kodici Penali Taljan jikkontempla r-reat ta' "*associazioni di tipo mafioso anche straniere*". Din l-*associazione di tipo mafioso* hija, fl-istess artikolu tal-ligi, deskritta b'dan il-mod:

**"... quando coloro che ne fanno parte si avvalgono della forza di intimidazione del vincolo associativo e della condizione di assoggettamento e di omerta` che ne deriva per commettere delitti, per acquisire in modo diretto o indiretto la gestione o comunque il controllo di attivita` economiche, di concessioni, di autorizzazioni, appalti e servizi pubblici o per realizzare profitti o vantaggi ingiusti per se o per altri ovvero al fine di impedire od ostacolare il libero esercizio del voto o di procurare voti a se` o ad altri in occasione di consultazioni elettorali."**

Illi fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Magistrati, ghall-finijiet ta' dak rikjest mill-paragrafu **(b) tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 59** ta' l-Ordni, ghamlet referenza **ghall-artikolu 83A(1)** tal-Kodici Kriminali taghna. Minn qari ta' din id-disposizzjoni jirrizulta car daqs il-kristall li r-reat ta' assocjazzjoni kriminali msemmija fil-ligi Maltija huwa wiehed kompletament differenti minn dak kontemplat fl-artikolu 416 bis tal-Kodici Penali Taljan. Ghalhekk ir-reat li ghalih qed tintalab it-treggija lura ta' l-esponent ma huwiex wiehed estradibbli.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tat-tlieta u ghoxin (23) ta' Mejju, 2019 l-appell gie differit ghal sentenza fuq l-aggravji bl-ittri 'a', 'b', 'c' u 'g' ghal-lum. Din il-Qorti sejra ghalhekk tibda biex tikkunsidra l-ewwel aggravju u cioe' dak li jikkoncerna r-rikuza. Skont l-appellant, l-Onorabbli Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech ma kellha qatt tiddeciedi dan il-kaz in kwantu, meta bdiet l-investigazzjoni gewwa l-Italja meritu ta' din it-talba ghall-estradizzjoni, l-awtoritajiet Taljani kienu talbu ghall-assistenza tal-ufficju tal-Avukat Generali fiz-zmien meta hija kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali. L-appellant kien wara li sar jaf b'dan il-fatt, permezz ta' rikorsipprezenta fit-tletin (30) ta' April, 2019 talab ghar-rikuza tal-Magistrat li kienet qieghda tipresedi l-Qorti tal-

Magistrati bhala Qorti Rimandanti. Permezz ta' digriet tat- 2 ta' Mejju 2019, il-Qorti Rimandanti cahdet din it-talba tal-appellant.

Skont l-appellant, dan id-digriet huwa monk peress li huwa msejjes fuq informazzjoni altament parzjali moghtija a voce mill-avversarju fil-proceduri tal-appellant minghajr dokumentazzjoni in sostenn u minghajr il-possibilita' li tali informazzjoni tigi kontrollata. Jissottometti li d-digriet huwa monk ghaliex huwa msejjes fuq is-suppost dikjarazzjoni maghmula mill-Avukat Dr Matthew Xuereb fis-sens li l-appellant ma iffigura f'ebda records mizmuma mill-Avukat Generali. Jissottometti li t-talba ghar-rikuza kienet imsejsa fuq il-fatt li fiz-zmien li nbdiet l-investigazzjoni tal-kaz gewwa l-Italja u kienet intalbet l-assistenza tal-awtoritajiet Maltin, l-Onorabbli Magistrat kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u kienet ir-rapprezentanta Maltija fil-*Eurojust* u ghalhekk skont l-appellant huwa straevidenti li kienet direttament involuta f'din l-assistenza moghtija lill-awtoritajiet Taljani li qeghdin jitolbu l-estradizzjoni tieghu.

Jissottometti li fl-istess digriet tat-2 ta' Mejju, 2019, il-Qorti tal-Magistrati rrilevat li r-rwol taghha bhala qorti rimandanti ma kienx li tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-appellant izda kien limitat ghad-decizjoni dwar jekk jezistux il-presupposti legali sabiex l-estradant jitregga' lura lejn il-pajjiz rikjedenti. Jissottometti li l-presupposti legali sabiex l-appellant jitregga' lura lejn l-Italja huma kkontestati u fit-tieni lok, ir-rwol tal-Qorti Rimandanti ma jista' qatt jipprexxindi mid-drittijiet fondamentali u l-principji ta' gustizzja naturali. Il-gudikant ghandu jkun dejjem imparzjali.

Jissottometti li l-procedura ta' mandat ta' arrest Ewropew hija wahda drakonjana ghall-ahhar. Jissottometti li huwa ghalhekk aktar u mhux inqas essenzjali li d-drittijiet tal-estradant li jkun ma jigux kalpestati. Fost dawn id-drittijiet hemm dak ta' zewg stadji ta' proceduri quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja u l-parzjalita' lampanti f'wiehed minn dawn l-istadji ma tistax tigi biss rimedjata b'imparzjalita' fl-istadju tal-appell. Fil fatt jitlob li jekk jintlaqa' dan l-aggravju, il-kawza terga tintbaghad quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti rimandanti sabiex, bl-ghajnuna tal-legali tiehu, ikollu smiegh imparzjaali anke fl-ewwel istanza ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghar-rikors tal-appellant maghmul quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Rimandanti datat it-30 ta' April 2019 u li jinsab a fol 49 fejn filwaqt li l-appellant issottometta li s-sedja ta' dik il-Qorti rrimarkat li kienet hija fil-vesti precedenti taghha, ossia dik ta' prosekutur, li kienet responsabbli mill-mandat ta' arrest ewropew mahrug mill-awtoritajiet Taljani kontra certu Mario Gennaro, ossia wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni fl-investigazzjoni attwalment pendenti gewwa l-Italja kontra l-appellant u ohrajn u li abbazi taghhom inhareg il-mandat relattiv li wassal ghal dawn il-proceduri. L-appellant kien ghamel referenza ghal gurisprudenza u tenna li dak dikjarat mis-sedja, nissel preokkupazzjoni u/jew dubbju f'mohh il-persuna rikjesta u talvolta a bazi ta' din ir-raguni, talab sabiex l-Onorabbi Magistrat tirrikuza ruhha mis-smiegh ta' dawn il-proceduri.

Permezz ta' nota prezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Rimandanti immarkata bhala Dok AA a fol 56, l-appellant provda ragunijiet ulterjuri in sostenn tat-talba tieghu ta' rikuza u cioe' li l-Magistrat kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u kienet personalment ghal numru ta' snin l-ufficjal wahdani fi hdan it-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fil-Kamp Penali, fi hdan l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali, direttament responsabbli mit-tmexxija tal-prosekuzzjonijiet u l-ezekuzzjoni tal-mandati ta' arrest ewropej kollha li kienet teffettwa Malta.

Fl-istess nota jissottometti li l-persuna tas-sedja kienet direttament responsabbli, jekk mhux adirittura ukoll d-drafter in primis, tal-Avviz Legali numru 421 tas-sena 2013. Jissottometti ukoll li l-Magistrat kienet direttament responsabbli ghat-tfassil tal-pozizzjoni tal-Ufficcju tal-Avukat Generali dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil Avviz Legali 421 tas-sena 2013, u potenzjalment ghamlet sottomissjonijiet f'dan ir-rigward quddiem il-varji qrati fejn kien hemm divergenza kbira dwar it-tifsira li ghandu jinghata lill-Avviz legali supra citat. Jtenni li dak kollu minnu sollevat jezistu l-estremi tal-**artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-artikolu 734 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża -*

*(a) jekk ikun qarib mid-demm jew bi żwieġ, f'linja dritta, ma' waħda mill-partijiet;*

*(b) jekk ikun qarib mid-demm fil-grad ta' ħu, ziju jew neputi, pro-ziju jew pro-neputi jew kuġin, ta' waħda mill-partijiet, jew qarib bi żwieġ fi grad ta' ħu, ziju jew neputi, ta' waħda mill-partijiet;*

*(ċ) jekk ikun tutur, kuratur, jew werriet preżuntiv ta' waħda mill-partijiet; jew ikun jew kien prokuratur ta' waħda mill-partijiet fil-kawża; jekk ikun l-amministratur ta' stabbiliment jew soċjetà fil-kawża, jew jekk waħda mill-partijiet tkun il-werrieta preżuntiva tiegħu;*

*(d)* ***(i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,***

*(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:*

*Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia,*

*(iii) jekk ikun ħareġ flus għall-kawża,*

*(iv) jekk ikun xehed, jew jekk waħda mill-partijiet tkun bi ħsiebha ssejjaħlu bħala xhud;*

*(e) jekk hu, jew il-mara tiegħu, jew ir-raġel tagħha, ikollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqatal-kawża;*

*(f) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imħallef ikun ibnu jew bintu stess, ir-raġel tagħha jew il-mara tiegħu jew axxendent tiegħu;*

*(g) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imħallef ikun ħu jew oħt l-istess ġudikant;*

*(h) jekk l-imħallef jew ir-raġel tagħha jew il-mara tiegħu jkollhom kawża pendenti kontra xi waħda mill-partijiet fil-kawża jew ikun kreditur jew debitur ta' xi parti fil-kawża b'mod li jista' raġonevolment jagħti lok ta' suspett ta' interess dirett jew indirett li jista' jinfluwenza l-eżitu tal-kawża.*

*(2) L-imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod f'kawża meta l-kawża tkun ġa ġiet quddiemu u hu jkun tkellem fuq l-istess merti ta' dik il-kawża meta kien qed joqgħod bħala mħallef fil-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.'*

Jirrizulta li t-talba ghar-rikuza kienet qieghda ssir ai termini tal-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' '*(d)****(i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha'***

L-Ewwel Qorti fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar it-talba ghar-rikuza ghamlet referenza ghal dak li ddikjara l-avukat Dr Matthew Xuereb ghall-Avukat Generali u cioe' li l-estradand ma ffigura f'ebda records mizmuma mill-Avukat Generali. Ikkunsidrat li l-investigazzjoni marbuta mal-kaz odjern hija investigazzjoni *ad hoc* indipendenti u distina mill-investigazzjoni li saret precedentement rigward Gennaro u li ghaliha qed isir referenza ir-rikors promotur. Ikkunsidrat li Antonio Ricci qatt ma kwadra ruhu f'dik l-investigazzjoni u ghalhekk qatt ma kien parti jew soggett ghall-investigazzjoni li fiha s-sedja kellha xi rwol ta' prosekutur. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li '*Fil-fatt kien biss in segwitu tal-investigazzjoni dwar Gennaro u wara li Gennaro "ha deciso di collaborare con la giustizia fornendo ulteriori indicazioni in ordine alle modalita' di infiltrazione della ndrangheta nel settore della gestione e raccolta illecita' di puntate su giochi e scommese.' li jidher li ffiguraw persuni ohra kemm legali u kemm fizici fosthom ir-rikorrent.*' Ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet li fil-kaz ta' Mario Gennaro, dan kien '*a voluntary surrender*'.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li f'dawn il-proceduri l-Qorti Rimandanti ma tigiex imsejjha biex tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-estradand, kompitu riservat esklussivament ghall-qrati esteri, izda l-irwol taghha hu limitat ghad-decizjoni taghha dwar jekk jezistux il-pressupposti legali li jintitolaw Qorti tiddeciedi dwar it-treggija tal-estradand lejn il-pajjiz rikjedenti.

Illi fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, id-difiza ressqet numru ta' ragunijiet abbazi ta' liema kienu qeghdin jitolbu li ssir referenza lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Gie sottomess li l-Magistrat kienet precedentement involuta fl-assistenza tal-investigazzjoni li hija mertu u ghalhekk gie emfasizzat li minn jippartecipa fl-investigazzjoni ma jistax jiggudika. Gie sottomess li li l-*link* hija mal-investigazzjoni fl-Italja li huma mertu li waslu ghal Antonio Ricci.

Fis-seduta tat- 23 ta' Mejju, 2019 ta' quddiem din il-Qorti, gie vverbalizzat ukoll li:

'*Fl-ewwel lok l-Onor. Magistrat li ppresediet il-Qorti tal-Magistrati li ppresediet il-Qorti tal-Magistrati bhala Qormi Rimandanti kienet invfoluta fl-assistenza bejn Malta u l-Italja fir-*

*rigward tal-investigazjonijiet bejn Malta u l-Italja fuq dan il-kaz. Indipendentament minn dan, dak iz-zmien il-Magistrat sedenti kienet tokkupa l-kariga ta' deputat avukat generali bi dminijiet diretti dwar assistenza internazzjonali bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea.*

*Fit-tieni lok, l-appellant jillanja wkoll mill-fatt illi l-kawza tieghu kellha bilfors tigi assenjata lil Onor. Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech. Din is-scelta amministrattiva hija lesiva tad-dritt tieghu in kwantu l-imsemmija Magistrat kienet sa ftit zmien ilu il-persuna li kellha responsabbilta' anke bhala membru minn Malta tal-Eurojust, tal-estradizzjonijiet li saru minn u jew lejn Malta.*

*Fit-tielet lok, ir-rwol tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti ma hijiex wahda investigattiva u wisq anqas hija wahda fejn ghandu jigi minnha indikat lill-partijiet x'nuqqasijiet hemm fil-kaz taghhom bil-ghan li dawn jigu ssanati u huwa dak illi gara f'dan il-kaz.*

*Fir-raba' lok, huwa wkoll leziv il-fatt illi l-Onor. Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech kellha tiddeciedi jekk issirx referenza lill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja meta ir-referenza kienet qed issir propju dwar trasposizzjoni jew direttament minnha jew mill-ufficju li tieghu kienet deputat avukat generali.*

*Fil-hames lok, huwa wkoll leziv il-fatt illi l-awtorita' centrali maghzula minn Malta sabiex jigi certifikat jekk l-allert inharigx minn entita' gudizjarja kompententi mill-pajjiz rikjedenti huwa l-avukat generali illi huwa l-avversarju tal-appellant u estradant in prima' stanza f'dawn il-proceduri.*

*Ghalhekk jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tirreferi il-kwistjonijiet lill-Prim'Awla tal-Qroti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghall-ksur tal-artikoli sitta u seba' tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.'*

L-Avukat Generali minn naha l-ohra ghal din it-talba vverbalizza:

*'Dr. Xuereb ghall-Avukat Generali jopponi ghat-talba frivola u vessatorja kif verbalizzata mill-bank tad-difiza u dan in vista tal-fatt illi referenza kostituzzjonali f'dawn il-proceduri sui generis ghall-ahhar ma ssib l-ebda bazi legali. Minghajr pregudizzju ir-rimedja legali li ghandu*

*dispost ghalih l-estradant hi li jiftah kawza kostituzzjonali bhala azzjoni parallella u cioe' li jiftah proceduri Kostituzzjonali seaprata. Inoltre l-Avukat Generali jirrileva li t-talba tad-difiza hija inkonsistenti mal-artikolu 17 tad-Decizjoni Kwadra 2002/584/JHA b'dan illi l-proceduri ordjerni huma proveduri urgenti u flimkien ma hekk it-terminu stipulat mill-ligi. Dak ta' tletin gurnata huwa terminur perentorju liema terminu ma jistax jigi sospiz jew interrot minn kawzi kostituzzjonali u dan in ottemperanza mad-direzzjoni moghtija mill-Kunsill Ewropew fuq l-evaluation report imhejji fuq l-istat tat-trasposizzjoni tadd-decizjoni kwadru 2002/584/JHA tan-nhar it-3 ta' Ottubru, 2008, misjuba pagina 35 tal-istess rapport.*'

Illi l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu sottometta li ma hemmx dritt ghall-appell minn decizjoni dwar rikuza. Id-difiza ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Republika ta' Malta v. Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah**'[2] fejn gie kkunsidrat li:

'*Din il-Qorti tibda biex tghid li ghandha d-dubbji taghha kemm seta' jsir appell mid-decizjoni tat-8 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tar- rikuza, u dan in vista ta' dak li jiddisponu s-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 499 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall- Artikolu 449 tal-istess Kodici. Il-Qorti, pero`, tosserva li f'kaz simili deciz fit-23 ta' Jannar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja din il-Qorti - allura diversament komposta*[3] *- kienet irriteniet li ghandha tmur mill-ewwel ghall-qofol tal-vertenza minghajr ma tidhol fi kwistjonijiet procedurali, u dan principalment in omagg ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal- Bniedem. In fatti din il-Qorti f'dik id-decizjoni kienet esprimiet ruhha fis-sens li aktar importanti minn jekk setax effettivament isir appell bil-mod kif sar u meta sar, "...hu hafna aktar essenzjali u fondamentali li jigi deciz jekk oggettivament hemmx raguni valida biex l-Onorevoli Imhallef Dr. Vincent DeGaetano li lilu gie assenjat il-kaz prezenti, ghandux jastjeni ruhu, indipendentement jekk din hix strettament eccezzjoni ta' rikuza jew hekk hijiex talba specjali u sui generis biex huwa ma jibqax jiehu konjizzjoni tal-kaz. Dan s'intendi fid-dawl ta' dak li tiddisponi l-ligi taghna, kif ukoll ta' dak li minn zmien ghal zmien gie deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal- Bniedem li ghaliha jaghmel riferenza ampja l-appellant fir- rikors ta' l-appell tieghu...jekk din il-Qorti jirrizultalha li jezistu ragunijiet sufficjenti biex, fil-fehma taghha, l- Onorevoli Imhallef DeGaetano ma*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Novembru, 2004 (Numru 5/1999)

[3] J. Said Pullicino, Prim Imhallef u C.A. Agius u N.V. Arrigo, Imhallfin. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

*jkomplix jippresjedi f'dan il-kaz bhala l-Imhallef tal-Qorti Kriminali, allura din il- Qorti tahseb li dan [l-]aspett ghandu mbghad jippermea u jikkondizzjona l-kumplament tas-sentenza billi llum ma jistax ikun hemm dubbju illi fl-applikazzjoni tad- disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti kif ukoll Qrati ohra Maltin, ghandhom izommu quddiem ghajnejhom u jaghtu kaz ta' decizjonijiet rilevanti li jkunu hargu minn Strasbourg kif anke mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali...Ukoll din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fil-kwistjonijiet legali xejn cari dwar jekk f'kaz bhal dan hux permissibbli appell bhalma fil-fatt sar...Huwa evidenti li d-disposizzjonijiet rilevanti mill-Kodici Kriminali kienu jezistu qabel ma twieldet din il-Qorti u qabel ma gew introdotti fil-Kodici Kriminali id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-appelli quddiem din il-Qorti. Dan forsi jikkontribwixxi ghal mizura qawwija ta' dubbju li ghandha tmur favur il-legalita` ta' dan l-appell. Pero`, tenfasizza din il-Qorti, kollox jiddependi minn jekk oggettivament hemmx valur fis- sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Onorevoli Imhallef DeGaetano jmissu jaccetta t-talba ghar-rikuza tieghu jew jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz..." Din il-Qorti hi tal-fehma li hekk ukoll ghandha taghmel f'dan il- kaz, u cioe` li tara jekk oggettivament hemmx xi raguni li tiggustifika r-rikuza tal-Onorevoli Imhallef Galea Debono.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja u l-Kummissarju tal- Pulizija; u b'dikriet tas-6 ta' Mejju 2014 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali'**[4] fejn gie kkunsidrat:

*'5. Fil-fatt huwa minnu illi l-President tal-Qorti, għalkemm kien Avukat Generali fiż-żmien meta sar il-proċess kontra l-attur, ma kien iffirma ebda att f'dak il-proċess. Madankollu, dak li sar mill-avukati fl-uffiċju tal-Avukat Generali sar f'isem l-Avukat Ġenerali, li jerfa' r-respons-abilità għal dak li jsir ukoll jekk, kif spiss jista' jiġri, ma jkun ta ebda parir u forsi lanqas ma jkun ġie konsultat dwaru.*

*6. Għalhekk – għax dak li sar u li nkiteb fil-proċess kontra l-attur mill- avukati fl-uffiċċju tal-Avukat Generali jitqies li sar u nkiteb f'isem l-Avukat Ġenerali, u għax il-President tal-Qorti kien l-Avukat Generali fiż-żmien relevanti, u mhux minħabba l-apparenzi, kif igħid l-attur – l-eċċezzjoni jixraq illi tintlaqa'.'*

[4] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Dicembru, 2016 (Rikors kostituzzjonali numru 50/2013)

Din il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha tistharreg dak sottomess mid-difiza u cioe' jekk l-Ewwel Qorti kelliex tilqa' t-talba ghar-rikuza u ghalhekk tastjeni milli tippresedi u jekk ghandhiex tintlaqa' t-talba tad-difiza sabiex issir referenza kostituzzjonali. L-estradant fin-nota a fol 49 et sequitur, ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Rosette THAKE u Dottoressa Anna Fenech, fil-kwalita' rispettiva tagħhom ta' Segretarju Generali u President tal-Kumitat Eżekuttiv tal- Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista vs L-Onor. PRIM MINISTRU; il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura; il- Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima; is- Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva; l-Awtorita' tal-Ippjanar ġja' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar; l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta; u l-Avukat Generali'**[5]. F'dik is-sentenza fost kunsiderazzjonijiet ohra, intqal:

*'lli f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il- kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli"[6];'*

Id-difiza fl-istess nota ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Lawrence Grech, Joseph Magro, Leonard Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon, Philip Cauchi u Joseph Mangion v. L-Avukat Generali; u b'digriet tat-30 ta' Gunju 2015 issejħu fil-kawża s-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, l-Arċidjocesi ta' Malta, Godwin Scerri u Charles Pulis'**[7] fejn gie kkunsidrat li:

[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Awissu, 2016 (Rikors numru: 50/16JRM)

[6] App. Krim. 15.11.2004 fil-kawża Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) fis-sentenza citata)

[7] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 2017 (Rikors kostituzzjonali numru 37/2015)

*'15. Il-kwistjoni issa hi jekk fil-każ tallum hemmx raġunijiet oġġettivi li f'osservatur raġonevoli u imparzjali jistgħu joħolqu dehra ta' rabtiet bejn ġudikant u parti f'kawża hekk li tiddgħajjef il-fiduċja fl-imparzjalità ta' dak il-ġudikant.*

*16.Għalkemm huwa minnu illi, kif jixhed l-istatut tal-Assoċjazzjoni Radju Marija, dik l-assoċjazzjoni u t-tmexxija tar-radju huma indipendenti mill-Arċidjoċesi, u ma hemm ebda rabta ġerarkika formali bejn l-Arċi- djoċesi u r-radju, ma hijiex għalkollox imġebbda l-perċezzjoni ta' rabta mill-qrib bejniethom. Din il-perċezzjoni tiġi ġġenerata mill-fatt oġġettiv illi d-direttur tal-programmi għandu dejjem ikun kjeriku, meta tqis l- istqarrija tal-istess direttur illi jekk "jisgarra" jibgħat għalih l-Arċisqof, u meta tqis ukoll illi l-Provinċjal tad-Dumnikani kellu s-setgħa li jesiġi u jikseb ir-riżenja tal-istess direttur tal-programmi minn dik il-ħatra. Huwa minnu illi hemm distinzjoni bejn ir-rwol tad-direttur tal-pro- grammi u dak tal-president tal-assoċjazzjoni iżda t-tnejn għandhom rwol ewlieni fit-tmexxija tal-istess assoċjazzjoni li, għar-raġunijiet imsemmija fuq, ma hijiex għalkollox ħielsa minn rabta, li tista' wkoll tidher ġerarkika, mal-Arċidjoċesi.*

*17. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ma hijiex irraġonevoli l-perċezzjoni li hemm rabta tali bejn l-Arċdjoċesi u l-assoċjazzjoni li tagħha l-imħallef huwa president li tista' tolqot ħażin id-dehra ta' imparzjalità oġġettiva ta' min għandu rwol fit-tmexxija ta' dik l-assoċjazzjoni. Id-dubju ma huwiex wieħed li ma jitqiesx oġġettivament ġustifikat, ukoll jekk dak id-dubju ma jolqotx l-imparzjalità soġġettiva tal-imħallef.*

*18. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata: tipprovdi dwar l-ewwel żewġ talbiet billi tgħid illi jkun hemm ksur tal-jedd tal-atturi għal smigħ xieraq jekk ma tintlaqax l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-imħallef li qiegħed jisma' l-kawża fl-ismijiet Lawrence Grech et v. Carmelo Pulis et (rik.489/2013), u għalhekk tordna li l-kawża ma titkompliex quddiem l-istess imħallef; ma huwa meħtieġ ebda provvediment dwar it-tielet u r-raba' talbiet billi s-surroga tal- imħallef issir kif igħid u jrid il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Sandro Chetcuti u James Barbara v. L-Avukat Generali u ghal**

**kull interess li jista' jkollhom id-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti, id-Direttur u r-Registratur tal-Qorti Ghawdex, George u Loreta konjugi Galea, u Joseph Galea'** [8], fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, intqal li:

'*Kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, huwa principju ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin – ara d-diversi sentenzi msemmija fis-sentenza appellata – illi anki jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 ma hemmx lok ta' rikuza – anzi jista' jkun hemm addirittura divjet ta' astensjoni – tista' tinholoq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu kif garantiti lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Huwa pacifiku wkoll fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi, id-decizjoni jekk tezistix jew le imparzjalita` ai termini ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, trid tigi bbazata fuq test soggettiv, cioe` fuq il-konvinzjoni personali tal-gudikant partikolari f'kaz specifiku, u wkoll fuq test oggettiv, u cioe` jekk il-gudikant ikunx fil-kaz partikolari joffri garanziji sufficijenti sabiex jeskludi kull dubbju legittimu ta' parzjalita`.*'

L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Nicholas Cutajar v. Mark Portelli personalment u in rappreżentanza tal-Awtorita' dwar Portijiet Ħielsa u tal-Malta Freeport Corporation Limited'** [9] fejn kien gie kkunsidrat:

'*8. Fil-fehma ta' din il-qorti, fil-meritu ma hemm ebda raġuni valida għar-rikuża jew astensjoni. Il-meritu tal- kawża ma huwiex dwar l-akkużi magħmula kontra l-attur iżda dwar l-imġieba tal-konvenuti. Bl-argument tal-attur, kull ġudikant li xi darba sab ħtija f'persuna ma jista' qatt iżjed jisma' kawża li fiha dik il-persuna tkun parti, ukoll meta l-meritu ma huwiex dwar dik il-ħtija. Effettivament li jrid l-attur huwa l-jedd li jagħżel il-ġudikant tiegħu.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Joseph u Maria Victoria konjugi Borg v. (1) Onorevoli Prim Ministru (2) Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni (3) Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta'**[10], r-rikorrenti skont dik is-sentenza kienu ssottomettew li

---

[8] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2005 (Appell Civili Numru. 8/2003/1)
[9] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' April, 2013 (Appell Civili Numru: 14/2012/1)
[10] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Gunju, 2017 (Rikors numru: 1118/09 JPG)

*"...wara li ntebhu li r-Regolamenti li qeghdin jigu impunjati, l-Avviz Legali 200 tal-2009, kienu gew approvati u kien inghata parir dwarhom mill-Avukat Generali fis-sena 2009 qabel ma dawn ir- Regolamenti dahlu fis-sehh, u dan in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet "Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta` (949/2004)"[11], l-appellanti qeghdin jissollevaw l-eccezzjoni tar- rikuza tas-Sinjurija Tieghu l-President ta' din l-Onorabbli Qorti biex jistharreg Avviz Legali li kien gie approvat minnu stess meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Generali ta' Malta".*

Dik il-Qorti iddeciediet:

'*11. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjoni ta' rikuza mressqa mir-rikorrenti ma ghandha ebda bazi konkreta u hija bbazata biss fuq ipotezi u, ladarba ma ngabu ebda provi konkreti li jistghu jindikaw li l-President tal-Qorti kien ta xi parir bil-miktub jew oralment dwar ir-regolamenti in kwistjoni, meta huwa kien jokkupa l- kariga ta' Avukat Generali, allura l-allegazzjoni tar-rikorrenti qed tigi meqjusa li hi bbazata biss fuq kongettura u mhux fuq fatti.*'

Ikkunsidrat;

Skont ir-rikors tal-appell, it-talba ghar-rikuza kienet msejsa fuq li '*meta bdiet l-investigazzjoni gewwa l-Italja meritu ta' din it-talba ghall-estradizzjoni, l-awtoritajiet Taljani kienu talbu hghall-assistenza ta' l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali fiz-zmien meta hija kienet tokkupa l-kariag ta' Deputat Avukat Generali*'. L-appellant jissottometti li l-Qorti kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u kienet personalment ghal numru ta' snin l-ufficjal wahdani fi hdan it-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fil-Kamp Penali, fi hdan l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali, direttament responsabbli mit-tmexxija tal-prosekuzzjoni u l-ezekuzzjoni tal-mandati ta' arrest ewropej kollha li kienet effettwa

[11] F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li ddecidiet inter alia: "...li l-impozizzjoni ta' zona riservata ghar-residenti hija 'ultra vires' is- setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV tal-1993 dwar il- Kunsilli Lokali fuq dan l-aspett, minbarra li hija mizura preferenzjali...." (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1)nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

Malta. Issottomemtta li s-sedja u cioe' dik li ippresediet l-Ewwel Qorti fis-sentenza u digrieti appellati, kienet direttament responsabbli, jekk mhux adirittura ukoll d-*drafter in primis*, tal-Avviz Legali numru 421 tas-sena 2013. Issottometta ukoll li kienet direttament responsabbli ghat-tfassil tal-pozizzjoni tal-Ufficcju tal-Avukat Generali dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil Avviz Legali 421 tal-2013 u potenzjalment ghamel sottomissjonijiet f'dan ir-rigward quddiem il-varji qrati fejn kien hemm divergenza kbira dwar it-tifsira li ghandu jinghata lil Avviz Legali.

Ikkunsidrat;

Fid-digriet tal-Ewwel Qorti dwar din it-talba ghar-rikuza, l-Ewwel Qorti kienet ghamlet referenza ghal fatt li semghet lill-Avukat Dr Matthew Xuereb li kkonferma li l-estradand ma ffigura f'ebda records mizmuma mill-Avukat Generali. Dwar dan, l-estradand fl-appell tieghu jghid li d-digriet huwa monk ghaliex huwa msejjes fuq is-suppost dikjarazzjoni maghmulha mill-avukat Dr Matthew Xuereb fis-sens li l-appellant ma ffigura f'ebda records mizmuma mill-Avukat Generali. Dwar dan, fl-ewwel lok kienet tistenna li jitharrek xhud u tigi prezentata prova ufficjali biex jigi kkonfermat jekk isem l-estradand iffigurax, minflokk ma tistrieh fuq spjegazzjoni ta' Avukat li kien qieghed jidher ghan-nom tal-Avukat Generali. Din il-Qorti taghmilha cara li ma hijiex tiddubita f'dak li l-Avukat kien spjega quddiem il-Qorti izda li fil-kamp penali wiehed jistenna li dak li jigi dikjarat, jigi dikjarat taht gurament. Din il-Qorti izda taghmilha cara li l-prova li abbazi taghha kienet qieghda tintalab ir-rikuza kienet tinkombi fuq min jallega u ghalhekk fuq l-estradand. Kien l-estradand li kellu jgib provi abbazi ta' liema huwa kien qieghed jitlob ir-rikuza. Ghalkemm ma jirrizultax ikkontestat li l-Magistrat kienet precedentement involuta fl-assistenza fl-investigazzjoni ta' Mario Gennaro, Mario Gennaro skont anke ma jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Mario Cuschieri) Vs Mario Gennaro'**[12] kien ta' l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura l-Italja. Mario Gennaro jissemma wkoll fid-dokument immarkat bhala Dok MX a fol 57 intitolat '*Procura della Repubblica presso il tribunale di Reggio Calabria Direzione Distrettuale Antimafia*' '*INFORMAZIONI INTEGRATIVE ALL'ESECUZIONE DI MAE*' u cioe' dwar RICCI Antonio u ohrajn, fejn a fol 60 hemm

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Rimandanti fit-22 ta' Lulju, 2015 (Numru: 584/2015)

imnizzel '*L-indagine costituisce di quella svolta ne procedimento n. 7497/2014/21 RGNR DDA, in relazione alla quale sono state gia' avviate, con successo, plurime collaborazioni internazionali (con le Autorita' Giudiziarie di Malta, vizzera, Germania, Antille Olandesi); ad infatti, il-principale indagato di tale ultimo procedimento: Mario Gennaro ha deciso di collaborare con la giustizia fornendo ulteriori indicazioni in ordine alle modalita' di infiltrazione della ndrangheta nel settore della gestione e raccolta illecita di puntata su giochi e scommesse.*' Il-Qorti Rimandanti kienet izda ddikjarat li '*Antonio Ricci qatt ma kwadra ruhu f'dik l-investigazzjoni u ghalhekk qatt ma kien parti jew soggett ghall-investigazzjoni li fiha s-sedja kellha xi rwol ta' prosekutur.*'

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti ukoll li t-talba tal-appellant tipprexxindi kompletament mis-suppost indikazzjoni ta' ismu fir-records tal-avversarju tieghu fil-proceduri izda t-talba ghar-rikuza skont l-appellant kienet imsejsa fuq il-fatt li fiz-zmien li nbdiet l-investigazzjoni tal-kaz gewwa l-Italja u kienet intalbet l-assistenza tal-awtoritajiet Maltin, l-Onorabbli Magistrat kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u kienet ir-rapprezentanta Maltija fil-*Eurojust* u ghalhekk skont l-appellant huwa straevident li kienet direttament involuta f'din l-assistenza moghtija lill-istess awtoritajiet Taljani li llum qeghdin jitolbu l-estradizzjoni tieghu. Din il-Qorti kif sejra tikkunsidra aktar il-quddiem f'din is-sentenza ma ssib xejn **x'ticcensura mill-fatt li gudikant li jippresedi proceduri dwar mandati ta' arresti Ewropej ikun precendentement rapprezentat tal-*Eurojust*** [13]u dan ghar-ragunijiet li sejra tikkunsidra aktar il-quddiem.

F'dak id-digriet il-Qorti kienet ikkunsidrat li '*l-investigazzjoni marbuta mal-kaz odjern hija investigazzjoni ad hoc indipendenti u distinta mill-investigazzjoni li saret precedentement (rigward Gennaro) u li ghaliha qed issir riferenza fir-rikors promotur.*'

Id-difiza ghamlet referenza ghad-digriet moghtija mill-istess Magistrat li ppresediet u cioe' fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) (Spettur Kurt Zahra) vs George Degiorgio Alfred Degiorgio Vincent Muscat'**[14] fejn l-Avukat difensur tal-appellant issottometta li jekk dik il-Qorti laqghet it-talba ghar-rikuza

---

[13] Enfasi ta din l-Qorti
[14] Digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-14 ta' Dicembru, 2017

taghha f'dawk ic-cirkostanzi, f'dan il-kaz ghandha hafna aktar ragunijiet li abbazi taghhom kellha tirrikuza.

Din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba kienet is-sedja stess li fil-kaz odjern u cioe' fil-proceduri sabiex jintbaghat lura l-Italja Antonio Ricci, iddikjarat x'kien l-involviment taghha u li fiha l-akkuzat bl-ebda mod ma kien jikkonfigura f'dik l-investigazzjoni, din il-Qorti bil-provi li ghandha quddiemha ma taqbilx mal-estradand li l-Magistrat kellha tirrikuza ruhha. Kif gia kkunsidrat, kien jinkombi fuq l-estradand li jressaq provi li abbazi taghhom kien qieghed jitlob ir-rikuza, b'nuqqas ta' provi, din il-Qorti ma thoss li ghandha tiddisturba d-digriet tal-Ewwel Qorti fejn cahdet ir-rikuza.

Din il-Qorti b'zieda ma dawn il-kunsiderazzjonijiet, sejra issa tghaddi biex tikkunsidra r-ragunijiet l-ohra li abbazi taghhom l-appellant qieghed jitlob li ssir referenza Kostituzzjonali u cioe' dak imnizzel fil-verbal tas-seduta tat- 23 ta' Mejju 2019 quddiem din il-Qorti. Minkejja li mir-rikors tal-appell ma jirrizultax li l-appellant kien specifikament talab lil din il-Qorti sabiex tordna referenza Kostituzzjonali, din il-Qorti sejra xorta tikkunsidra dawn is-sottomissjonijiet u t-talba ghal referenza Kostituzzjonali li intalbet quddiem din il-Qorti fl-ahhar seduta.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti tat- 23 ta' Mejju 2019 gie vverbalizzat mill-Avukat tal-estradand li '*l-Onor. Magistrat li ppresediet il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti kienet invfoluta fl-assistenza bejn Malta u l-Italja fir-rigward tal-investigazzjonijiet bejn Malta u l-Italja fuq dan il-kaz. Indipendentement minn dan, dak iz-zmien il-Magistrat sedenti kienet tokkupa l-kariga ta' deputat avukat generali bi dminijiet diretti dwar assistenza internazzjonali bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea.*' Skont dak li kkunsidrat il-Qorti rimandanti, is-sedja ta' dik il-Qorti ma kellha l-ebda involviment f'investigazzjoni jew assistenza rigwardanti dan il-kaz u li l-investigazzjoni dwar Gennaro kienet wahda indipendenti minn dik odjerna. Izda l-appellant imur pass oltre u jissottometti li l-Magistrat kienet tokkupa l-kariga ta' deputat Avukat Generali bi dmirjiet diretti dwar assistenza internazzjonali bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea, dwar dan ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni. Din il-Qorti izda ma taqbilx li jezistu l-

estremi li kellhom iwasslu lil Magistrat biex tirrikuza ruhha. Il-fatt li l-Magistrat kienet precedentement tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali, ma jipprekludihiex milli tippresedi proceduri rigwardanti l-ezekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant issottometta li '*l-appellant jillanja wkoll mill-fatt illi l-kawza tieghu kellha bilfors tigi assenjata lil Onor. Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech. Din is-scelta amministrattiva hija lesiva tad-dritt tieghu in kwantu l-imsemmija Magistrat kienet sa ftit zmien ilu il-persuna li kella responsabbilta' anke bhala membru minn Malta tal-Eurojust, tal-estradizzjonijiet li saru minn u jew lejn Malta.*' Dwar jekk is-sedja tal-Qorti Rimandanti kinitx fil-passat membru minn Malta tal-Eurojust ma jirrizultax ikkontestat. Lanqas ma jirrizulta kkontestat mill-Avukat Generali li l-kawza kellha bilfors tigi assenjata lil Magistrat li ppresediet. L-Avukat tal-appellant jissottometti li ma ghandux ikun hemm Magistrat fiss fuq l-istess tipi ta' kawzi filwaqt li l-Avukat Generali jishaq dwar l-importanza tal-ispecialised Courts. Dwar din il-Qorti ukoll ma thoss li kellha tintlaqa' t-talba ghar-rikuza abbazi li l-Magistrat kienet responsabbilta' anke jekk bhala membru minn Malta tal-Eurojust, tal-estradizzjonijiet li saru minn jew lejn Malta, gialadarba ma kelliex involviment fl-investigazzjoni kontra l-akkuzat. **Din il-Qorti anzi minn naha l-ohra temfasizza l-importanza ta' Qrati specjalizati u l-fatt li gudikant ikollu esperjenza vasta f'qasam partikolari li jkun qieghed jippresedi, bhal f'dan il-kaz dwar il-procedura relatata mal-Mandati ta' Arresti Ewropej hija ta' vantagg ghas-sistema gudizzjarja peress li l-esperjenza taghha tkun riflessa kemm fil-procedura kif ukoll fis-sentenza.** [15]Ghalhekk din il-Qorti lanqas abbazi ta' din is-sottomissjoni, ma thoss li jehtieg li jkun hemm referenza Kostituzzjonali.

Ikkunsidrat;

Illi gie sottomess li '*ir-rwol tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti ma hijiex wahda investigattiva u wisq anqas hija wahda fejn ghandu jigi minnha indikat lill-partijiet x'nuqqasijiet hemm fil-kaz taghhom bil-ghan li dawn jigu ssanati u huwa dak illi gara f'dan il-kaz.*'

---

[15] Engasi ta din l-Qorti.

Illi wara li din il-Qorti semghet ir-recordings tas-seduti ta' quddiem il-Qorti Rimandanti, jirrizulta li l-Qorti f'xi waqtiet ghamlet numru ta' talbiet inkluz talbiet ghal dokumentazzjoni wara li qieset li l-mandat ta' arrest huwa monk tant li esprimiet li '*ce' qual cose che non va*'. L-Ewwel Qorti riedet garanziji johorgu mill-Ministeru tal-Gustizzja fl-Italja dwar jekk il-procediment penali kontra Ricci huwiex ser jinbeda. Filfatt fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) wara li saret trattazzjoni dwar rikors prezentat mill-appellant u cioe' dak li jinsab a fol 51 bin-numru 1517, il-Qorti ordnat skont dak li anke jirrizulta mill-verbal:

'*The Court having heard the defence submit that investigations against the wanted person are still ongoing;*

*Noting further that the European Arrest Warrant is contradictory at best and clearly ambivalent, in view of the fact that whilst declaring subject is wanted for prosecurtion, it indicates that subject was tried and sentenced in absentia which would mean that subject is wanted for serving sentence and not for prosecution as is being currently contended;*

*Considering that having also seen the documentation sent by the Italian authorities dated the 24th April, 2019, the Court is not convinced of the accurateness of all the facts stated in the warrant, namely the reason for which the return of the requested person is being demanded (investigation or prosecution), orders the prosecution to ensure that in terms of Article 13A of S.L. 276.05 the Ministerio di Gustizia in Rome guarantees to this Court that all investigations regarding Ricci have been concluded ans that upon potential return, should extradition be granted, prosecution immediately commences.*

*The said guarantee is to be presented by Monday at 8.30am.*'

Ikkunsidrat;

Illi dwar dan, din il-Qorti tibda' biex tikkunsidra li s-sistema penali fil-Qrati Maltin hija dik avversarja u mhux investigattiva. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza

ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Andrea Zammit'</u>**[16] fejn kien gie kkunsidrat:

*'37. Aggravju ieħor ta' l-appellant hu dwar il-mod kif ġew mgħaggla l- proċeduri sabiex il-ġuri jispiċċa f'timeframe predeterminat. Jilmenta mill- kummenti, "aktar minn domandi, lix-xhieda jew partijiet, biex imbagħad fl- indirizz issir blanket provision fejn il-ġurija jintqalilha illi jekk l-Imħallef sedenti jkun għamel tali kummenti jew ta lill-ġurati x'jifhmu illi qed jaħsibha mod u mhux ieħor, dan għandhom jiskartawh". Jilmenta dwar kummenti waqt l- arringa illi dwar punti ta' liġi d-difiża m'għandhiex tidħol għaliex dawn jispjegahom l-Imħallef fl-indirizz. Jilmenta dwar kif il-proċeduri saru mingħajr nifs u l-ġurija ma ngħatatx żmien adegwat għall-mistrieħ. Skond l-appellant, dan kollu jikkostitwixxi rregolarita` matul il-proċedura li setgħet effettwat il- verdett tal-ġurija.*

*38. Dwar il-kondotta ta l-Imhallef li jkun qiegħed jippresjedi ġuri, din il-Qorti diversi drabi ċċitat b'approvazzjoni dak li tgħid Rosemary Pattenden, fil-ktieb tagħha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990)[17]:*

***"The English criminal trial is adversarial, which means that the parties determine the evidence to be called and the manner and timing of its presentation. The self-interest of the parties, so the theory goes, will ensure that all issues of law and fact are thoroughly aired. If taken to its logical conclusion this principle reduces the role of the judge to that of an umpire – someone whose job it is to see that the rules are obeyed but who takes no direct part. But theory and practice do not entirely coalesce and criminal judges are not, as the Supreme Court of Canada once put it, 'sphinx judges'. A trial is more than a contest between two parties. There is a public interest in seeing that justice is done and since the parties may be unevenly matched the judge may have to involve himself in the trial to ensure that the truth emerges. So long as he acts fairly and preserves an appearance of impartiality he will not be criticized for taking a relatively active stance.***

***One of the ways in which the judge may participate in the trial is by questioning***

---

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Jannar, 2016 (Att ta' Akkuza: 44/2007)

[17] F'pagna 98. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) fis-sentenza citata)

***witnesses. This is an example par excellence of the exercise of discretion during a criminal trial ... in R. v. Evans Lord Justice Scarman affirmed that although 'our system is accusatorial and it is not the part of a Judge to run the case for the Crown or to run the case for the defence but to keep himself apart from the arena in which battle is joined, yet he does have a duty to ensure that justice is done and, if he thinks that justice requires him to put questions, then he has the right and the duty to intervene."***

*39. Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 463(3)(b) tal- Kodiċi Kriminali, u cioe` li jmiss lill-Qorti "li trieġi s-smigħ tal-kawża".*

*40. Minn eżami li din il-Qorti għamlet ta' l-atti, ma jirriżultax li l-ewwel Qorti eċċediet il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha bl-interventi li għamlet u bil-mod kif mexxiet is-smigħ tal-ġuri. Id-difiża ma ġietx ostakolata milli tagħmel ix-xogħol tagħha. U m'hemm xejn irregolari jekk il-Qorti żżomm ftit kontroll biex ma jsirux ħafna ripetizzjonijiet.'*

F'proceduri penali, l-Qorti trid tiddeciedi fuq dak li jressqu l-partijiet u ghalhekk l-Qorti ma ghandhiex ikollha rwol attiv. Biss pero', f'dan il-kaz partikolari, fejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja li *ai fini* tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija msejha l-Qorti Rimandanti ghandha rwol partikolari hafna. Fejn fost setghat ohra, skont ir-regolament 13A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 il-Qorti Rimandanti ghandha s-setgha jekk mhux adirittura l-obbligu li titlob li tigi prodotta informazzjoni supplimentari. Dan ir-regolament filfatt jaqra' li '*Fil-każ li jirriżulta lill-qorti li l-informazzjoni komunikata mill-awtorità li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II tkun insuffiċjenti biex hija tkun tista' tiddeċiedi dwar il-konsenja, il-qorti għandha*[18] *titlob għall-informazzjoni supplimentari meħtieġa bla ħsara għal kull terminu li jista' jiġi stipulat għal dak l-għan.*'. Ghalhekk jirrizulta li minkejja li s-sistema legali taghna hija dik avversarja u mhux investigattiva, dan ma jimpediex lil Qorti li ssaqsi ghal dawk id-dokumenti fit-termini tar-regolament 13A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05. In oltre, minkejja li jirrizulta l-Qorti kellha sehem attiv fil-proceduri ma jistax jinghad li l-partijiet ma nghatawx l-opportunita' li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom. Ghalhekk din il-kwistjoni ma timmeritax li tintbaghat lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) bhala referenza.

[18] Sottolinear mizjud minn din il-Qorti

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant ivverbalizza ukoll li '*huwa wkoll leziv il-fatt illi l-Onor. Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech kellha tiddeciedi jekk issirx referenza lill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja meta ir-referenza kienet qed issir propju dwar trasposizzjoni jew direttament minnha jew mill-ufficju li tieghu kienet deputat avukat generali.*'

Dwar li l-Magistrat precedentement bhala Deputat Avukat Generali kienet b'xi mod jew iehor involuta bhala Deputat Avukat Generali fit-trasposizzjoni tad-Decizjoni Kwadra in kwistjoni ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni. Tant huwa hekk li fid-dokument li pprezenta l-Avukat Generali stess quddiem din il-Qorti immarkat bhala Dok CSH datat it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) f'Annex A li jinsab f'pagna 41 dwar *programme of visits* hemm imnizzel '15 January 2008'' '*Presentation by Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Attorney-General's Chambers, on domestic legislation implementing the European Arrest Warrant Framework Decision*'., f'Annex B li jinsab f'pagna 432taht '*List of Persons Interviewed*' tnizzlu fost ohrajn:

'*The Attorney-General's Chambers*
*Dr. Silvio Camilleri, the Attorney-General*
*Dr. Donatella Frendo Dimech, Senior Counsel for the Republic*'.

Din il-Qorti temfasizza li ma tara xejn x'ticcensura fil-fatt li gudikant li jkun precedentement responsabbli ghal kwistjonijiet dwar ligi partikolari, sussegwentement ikun imqieghed biex jiggudika dwar ligi li setgha kellu involviment fl-implimentazzjoni taghha fil-pajjiz. L-appellant izda qieghed imur pass oltre u li qieghed jissottometti huwa leziv il-fatt li l-Onorabbli Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech kellha tiddeciedi jekk issirx referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea meta ir-referenza kienet qes issir proprju dwar trasposizzjoni jew direttament minnha jew mill-ufficju li tieghu kienet Deputat Avukat Generali'. Minghajr f'dan l-istadju ma tidhol fil-mertu dwar jekk kelliex jew ghandhiex issir referenza preliminari lil Qorti Ewropea, l-Ewwel Qorti kienet cahdet it-talba ghal referenza preliminari wara li ghamlet ezami dettaljat tad-Decizjoni Kwarda u ikkunsidrat li ma tiskontra l-ebda diffikulta dwar it-tifsira, effett jew interpretazzjoni tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsil tat-13 ta' Ġunju 2002

fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA). Din il-Qorti ma thoss li hemm il-htiega li din il-kwistjoni tintbaghat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u dan stante li wara kollox sabiex tigi riferuta kwistjoni lil Qorti Ewropeja din trid tkun tali li tghin lil gudikant jasal ghal decizjoni fil-mertu. La darba l-Ewwel Qorti hasset li ma kienx hemm il-htiega ta' referenza preliminari anke jekk setgha kellha involviment fit-trasposizzjoni tad-Decizjoni Kwadra ma jfissirx li kienet prekluza milli tiddeciedi jew li l-Magistrat ma kinitx sejra tkun imparzjali.

Abbazi ta' dak kollu ikkunsidrat, din il-Qorti qieghda ghalhekk tichad l-ewwel aggravju u cioe' dak bl-ittra 'a'.

Ikkunsidrat;

Illi stante li d-difiza fil-verbal ta' quddiem din il-Qorti ta' nhar it-23 ta' Mejju 2019 talbet ukoll li s-segwenti kwistjoni tigi referita lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u cioe' li '*huwa wkoll leziv il-fatt illi l-awtorita' centrali maghzula minn Malta sabiex jigi certifikat jekk l-allert inharigx minn entita' gudizjarja kompetenti mill-pajjiz rikjedenti huwa l-avukat generali illi huwa l-avversarju tal-appellant u estradant in prima' stanza f'dawn il-proceduri.*', liema sottomissjoni hija relatata mal-aggravju bl-ittra 'g' intitolat '*Dwar ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali*', din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra dan is-seba' aggravju bl-ittra 'g'.

L-appellant jissottometti li l-veracita' o meno tad-dikjarazzjoni a fol. 4 tal-atti processwali ma tistax tigi kontrollata mill-apppellant. Fid-dikjarazzjoni a fol 4 hemm imnizzel '*Certificate Extradition (Designated Foreign Countries) Order, 2004 L.N. 320/2004*' datata d- 19 ta' April 2019 fejn tnizzel li '*IN VIRTUE of Articles 6A and 7 of the Extradition (Designated Foreign Countries) Order, 2004, Legal Notice 320 of 2004,*
*I CERTIFY that the Pre-Trial Investigation Judge at the Court at Reggio Calabria, the Authority at the request of which the alert was issued for Antonio Ricci, an Italian national, born on 29th November 1976, has the function of requesting the issue of alerts in Italy.*' Din hija ffirmata mill-Avukat Generali Peter Grech.

**Ir-regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05** jipprovdi:

'*L-Avukat Ġenerali jista', skond ma jkun jaħsibha hu personalment, joħroġ ċertifikat li juri li l-awtorità li tkun ħarġet mandat taħt it-Taqsima II ikollha l-funzjoni li toħroġ mandati ta' arrest fil-pajjiż rikjedenti u dak iċ-ċertifikat għandu jkun wieħed konklużiv f'dak li jkun juri.*'

L-appellant jissottometti li l-Avukat Generali huwa l-avversarju u jkopri r-rwol tal-Prosekutur Pubbliku ta' Malta. Jissottometti li din giet iccensurata mill-Venice Commission u anke mill-Qorti ta' Strasbourg fid-decizjoni taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri v. Malta**.[19]

Huwa car li l-Avukat Generali ghandu rwol attiv mill-istadju bikri tal-proceduri u cioe' minn meta Stat jitlob li persuna titregga lura u dan l-irwol attiv huwa anke rifless fil-proceduri quddiem il-Qorti u cioe' sabiex tigi prezentata dokumentazzjoni. Dan l-irwol attiv huwa anke kkonfermat mir-**regolament 31A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05** li jaqra:

'*(1) Dan l-artiklu japplika jekk f'xi waqt matul iż-żmien li fih ikun qiegħed isir is-smigħ dwar l-estradizzjoni l-qorti tiġi mgħarrfa li tkun saritilha talba mingħand l-awtorità ġudizzjarja tal-pajjiż skedat biex tisma' lill-persuna li dwarha jkun inħareg il-mandat taħt it-Taqsima II.*
*(2)Il-qorti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni ma' l-Avukat Ġenerali, jekk għandhiex:*
*(a) temporanjament tittrasferixxi lill-persuna mitluba lejn il-pajjiż rikjedenti taħt dawk il-kondizzjonijiet u għal dak il-perjodu li jista' jsir ftehim dwaru, bi ftehim ma' l-Avukat Ġenerali, ma' l-awtorità ġudizzjarja rikjedenti; u*
*(b) tordna li t-talba għandha tiġi komunikata lil maġistrat sabiex tiġi esegwita f'liema każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 649(1) u (6) tal-Kodiċi Kriminali.*'
(Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

L-Avukat Generali minn naha l-ohra jissottometti li dawn il-proceduri ma jinvolvux avversarjeta'. Fid-dokument prezentat mill-Avukat Generali fis-seduta tat-tlieta u 23 ta' Mejju 2008 immarkat bhala Dok CSH f'pagna 6 dwar l-irwol tal-Avukat Generali

[19] Deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani fit-22 ta' Jannar, 2013, reza finali fis-27 ta' Mejju, 2013 (Applikazzjoni numru: 42931/10)

f'dawn il-proceduri tnizzel li '*The AG has been designated as Malta's central authority for the purpose of EAW proceedings. In this function, he receives and certifies all incoming EAWs. When Malta is the issuing authority, the AG has to give his consent prior to the emission of an EAW. As regards incoming EAWs, the AG has a certfication role with the aim of officially stating that the issuing authority is the competent authority.*

*At the hearings before the Court when executing an EAW, the AG is represented by one of the prosecutors of the ICCMU and has the possibility of filing an appeal against the decision of the Magistrates' Court.*'

Ghalhekk filwaqt li jirrizulta kjarament li l-Avukat Generali huwa parti mill-proceduri u li fl-istess waqt skont l-Ordni u cioe' skont **il-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05** l-Avukat Generali ghandu s-setgha li jiccertifika li awtorita' li tkun harget mandat taht it-Taqsima II ikollha funzjoni li tohrog mandati ta' arrest fil-pajjiz rikjedenti u li dak ic-certifikat ghandu jkun wiehed konkluziv f'dak li juri, xejn ma jwaqqaf lill-estradand milli jgib prova kuntrarja ghal dik.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Philip Mifsud Vs Avukat Generali'**[20] gie kkunsidrat li:

'*Ir-rikorrenti jsostni li ma jezisti l-ebda mezz kif hu jikkontrolla lill-Avukat Generali meta hareg ic-certifikat dwar il-mandat ta' arrest mahrug fl-Italja. Ghalhekk ir-regolament numru 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 imur kontra l-principji tal-gustizzja naturali in kwantu jivvolja l-jedd ghal smiegh xieraq.*

*Hemm gurisprudenza li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-proceduri ta' estradizzjoni (ara per ezempju **H v Spain**, App. 10227/82; **E.G.M. v Luxembourg**, App. 24015/94; **Salgado v Spain**, App. 65965/01; u **Kirkwood v United Kingdom**, App. 10479/83 decizi mill-Kummissjoni). Hemm ukoll il-kaz ta' **Mondero Angora v Spain** (App. 41138/05) li b'decizjoni tas-7 ta' Ottubru 2008 gie ddikjarat inammissibbli. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani qalet:*

*"the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the*

[20] Deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Frar, 2015 (Rikors Numru: 55/2014)

*Convention (see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002)".*

F'kull kaz, ir-regolament numru 7 jipprovdi:-

*"L-Avukat Generali jista', skond ma jkun jahsibha hu personalment, johrog certifikat li juri li l-awtorita' li tkun harget mandat taht it-Taqsima II ikollha l-funzjoni li tohrog mandati ta' arrest fil-pajjiz rikjedenti u dak ic-certifikat ghandu jkun wiehed konkluziv f'dak li jkun juri".*

Fis-6 ta' Marzu 2014 l-Avukat Generali hareg ordni taht ir-Regolament 7 li jaqra:

*"Niccertifika li l-Giudice per le Indagini Preliminari fi hdan it-Tribunale di Genova, li hu l-awtorita' li hareg il-Mandat taht it-Taqsima II ta' dan l-Ordni kontra Philip Mifsud, cittadin Malti, imwieled Malta, nhar is-27 ta' Marzu, 1955, ghandu l-funzjoni li johrog mandati t'arrest fl-Italja".*

Ir-rikorrent m'huwiex jikkontesta li fl-Italja l-Imhallef ghall-indagni preliminari ghandu l-awtorita' li johrog Mandat ta' Arrest Ewropew. Fir-realta' dak hu li ccertifika l-Avukat Generali bid-dikjarazzjoni tas-6 ta' Marzu 2014, u xejn iktar. Madankollu hemm gurisprudenza li tghid li c-certifikat li johrog l-Avukat Generali jservi wkoll biex jawtentika l-mandat ta' arrest[21].

Id-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tipprovdi ghall-mekkanizmu ta' hrug ta' Mandat ta' Arrest Ewropew bazat fuq kunfidenza bejn l-Istati Membri. Tipprovdi wkoll li l-awtorita' gudizzjarja rikjedenti tista' tibghat il-mandat ta' arrest b'kull mezz sigur li jippermetti lill-Istat Membru li ser jezegwih li jistabbilixxi l-awtenticita' tieghu. Mill-atti tal-proceduri kriminali jirrizulta li l-Ministeru tal-Gustizzja fl-Italja baghat fax lill-Avukat Generali datata 19 ta' Dicembru 2013 fejn jinghad hekk:-

*"OGGETTO: MIFSUD Philip, nato il 27.3.1955 – Mandato di arresto europeo.*

*Si trasmette il mandato di arresto europeo emesso il 10.12.2013 dal Giudice per le indagini preliminari del Tribunale di Genova nei confronti di MIFSUD Philip, nell'ambito del procedimento penale n 682/12/21 R.G. P.M., n 310/13 R.G. Gip.*

*Il mandato di arresto europeo e' accompagnato da un documento della Procura della Repubblica presso il Tribunale di Genova del 4.12.2013.*

[21] Qorti tal-Appell Kriminali fil-kazijiet **Il-Pulizija vs Ebeid Osama** tad-9 ta' Ottubru 2007 u **Il- Pulizija vs Laurence Liegeois** tat-23 ta' Frar 2010 Footnote 6

*Si conferma di inviare il testo originale del mandato di arresto europeo e del documento allegato, con la traduzione in lingua inglese".*

Mehmuz mad-dokument kien hemm fost'affarijiet ohra kopja tal-mandat ta' arrest mahrug fl- 10 ta' Dicembru 2013 minn Dott. Adrian Petri, li fil-mandat hi deskritta bhala Giudice Per Le Indagini Preliminari. Fl-istess atti hemm traduzzjoni fil-lingwa Ingliza tal-istess dokument[22].

Skond Artikolu 10(5) tad-Decizjoni Kwadru:-

*"All difficulties concerning the transmission or the authenticity of any document needed for the execution of a European arrest warrant shall be dealt with* ***by direct contacts between the judicial authorities involved, or , where appropriate with the involvement of the central authorities of the Member State".***

Mela d-Decizjoni Kwadru qeghda tikkontempla sitwazzjoni fejn il-qrati Maltin ikollhom **kuntatt dirett** mal-awtoritajiet gudizzjarji tal-Istat Membru li jkun qieghed jitlob l- estradizzjoni[23]. L-ghan wara din id-Decizjoni Kwadru kien sabiex fejn ikunu nvoluti Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, tiehu l-post ta' proceduri ta' estradizzjoni twal bl-introduzzjoni ta' procedura gudizzjarja iktar semplici u bazata fuq kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet gudizzjarji. Dan hu pozittiv ferm sabiex titnaqqas il-formalita' u f'sens ta' iktar koperazzjoni bejn is-sistemi gudizzjarji tal-Istati Membri. Fis-sentenza **Carmelo Borg et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et** tal-15 ta' Mejju 2006, il-Qorti Kostituzzjonali qalet: *"principju bazilari huwa dak tal-fiducja reciproka li dawn il-pajjizi ghandhom fis- sistema gudizzjarja ta' xulxin"*. Fil-kaz in ezami ma jidhirx li l-qorti ghamlet xi kuntatt mal- awtorita gudizzjarja Taljana li harget il-mandat ta' arrest, u ddependiet fuq il-verifiki li saru mill-awtorita' centrali (l-Avukat Generali). Pero' lanqas ma jirrizulta li fil-kors tal-process ir- rikorrent talab ghal xi taghrif minghand l-Avukat Generali dwar l-awtenticita' tad-dokumenti. Fil-fehma tal-qorti rrispettivament x'jinghad fl-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 320 tal-2004, m'hemm xejn x'izomm lill-awtorita

---

[22] Ara Dok. MC1 a fol. 5. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)

[23] Artikolu 10(5) tad-Decizjoni Kwadru tipprovdi: "All difficulties concerning the transmission or the authenticity of any document needet for the execution of the European arrest warrant shall be dealt with by direct contacts between the judicial authorities involved.....". (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza citata)

gudizzjarja f'Malta milli direttament taghmel il-verifiki taghha mal-awtorita' gudizzjarja rikjedenti, jekk jidhrilha li hemm xi diffikulta dwar l- awtenticita tal-mandat ta' arrest. Min-naha tal-rikorrent, il-qorti tosserva li fil-process ta' estradizzjoni ha posizzjoni passiva, fis-sens li llimita ruhu biex isostni li d-dokumenti m'humiex awtentikati, minghajr ma ha azzjoni pro-attiva biex jekk kellu xi dubji jnehhihom. Min ikun intimat f'proceduri simili jrid jiftakar li l-procedura ta' estradizzjoni m'hijiex xi kawza kriminali fejn il-prosekuzzjoni trid taghti prova ta' htija ta' reat. Imbaghad skond l-Artikolu 5(9) tal-istess Avviz Legali:-

*"Mandat ta' arrest li din it-Taqsima tapplika għalih jista' jkun trasmess b'kull mezz sikur li tista' tinħareġ reġistrazzjoni bil-miktub tiegħu u bih ikunu jistgħu jingħataw records bil-miktub* ***u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jkunu jippermettu li tiġi żgurata l- awtentiċità tiegħu****".*

Ghalhekk minkejja d-dikjarazzjoni tal-Avukat Generali mahruga skond Artikolu 7, fih innifsu l- mandat ta' arrest irid jintbaghat b'mezz sikur li jippermetti li **tigi zgurata l-awtenticita' tieghu**. Kliem li ghall-qorti juri li rrispettivament mid-dikjarazzjoni tal-Avukat Generali, il- qorti Maltija trid tkun sodisfatta mill-awtenticita' tad-dokument. F'proceduri ta' din ix-xorta l- qorti ma tara l-ebda ostakolu li tkun il-qorti Maltija li quddiemha jkunu qeghdin jinstemghu l- proceduri ta' estradizzjoni li taghmel verifiki dwar l-awtenticita' tal-mandat ta' arrest li jkun intbaghat mill-qorti barranija. Wara kollox hekk ukoll jipprovdi Artikolu 10(5) tad-Decizjoni Kwadru.'

Ghalhekk minkejja l-fatt li l-Avukat Generali li ghandu s-setgha li johrog certifikat taht ir-**regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05** u fl-istess waqt huwa parti fil-proceduri, ghal dak li jirrigwarda c-certifikat in kwistjoni, hija l-Qorti li fl-ahhar mill-ahhar trid tkun sodisfatta bil-provi li ghandha quddiem. Din il-Qorti ghalhekk mhijiex tal-fehma li din il-kwistjoni ghandha tkun soggett ghal referenza lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Din il-Qorti qieghda tichad is-seba' (7) aggravju u cioe' dak bl-ittra 'g'.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa intitolat '*b. Dwar il-komprtament tas-Sedja*'. L-appellant jissottometti dwar il-Magistrat li ppresediet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti rimandanti li kien evidenti immedjatament kif il-kawza giet assenjata lilha li l-Qorti assumiet rwol ta' prosekutur u dderigiet lill-prosekuzzjoni dwar il-procedura li kellha tigi adottata. Matul dawn il-proceduri, dik il-Qorti kienet kostantement irrimarkat fuq il-mankanzi fil-mandat ta' arrest Ewropew u addirittura dderigiet lill-prosekuzzjoni sabiex tottjeni dokumenti korrettorji u dikjarazzjonijiet ohra. Issottometta ukoll li jirrizulta anke mill-verbal tat- 2 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti wara li ddikjarat li l-mandat ta' Arrest Ewropew kien kontradittorju, esigiet ghal dikjarazzjoni tas-Central Authority Taljana sabiex tinnewtralizza wahda mid-difizi krucjali tal-appellant. L-appellant issottometta li ma huwiex l-irwol tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti rimandanti, u del resto ta' ebda qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, li tilqa' ghall-mankanzi tal-prosekuzzjoni sabiex tinnewtralizza d-difiza ta' l-estradand li jkun. Kien abbazi ta' dan l-aggravju li l-qorti laqghat it-talba sabiex jigu prodotti r-recordings tas-seduti ta' quddiem l-Ewwel Qorti.

L-appellant jissottometti li meta l-avukati difensuri kkomunikaw mal-Avukat Taljan tal-appellant li kien qieghed ghas-seduta tas- 6 ta' Mejju, 2019, il-Qorti kkumentat b'mod negattiv dwar il-presenza tieghu fl-awla u iktar tard waqfitu milli jikkomunika mal-Avukati li ffirmaw l-appell u dan minghajr ma tat raguni ghal dan.

Illi kif gia kkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza jirrizulta li l-Qorti kellha rwol attiv fil-proceduri bhala Magistrat li ppresediet il-Qorti rimandanti. Kif gia gie kkunsidrat ghalkemm il-procedura penali hija dik avversarja u mhux investigattiva, f'dawn il-proceduri partikolari ma hemm xejn xi jwaqqaf lil Qorti li titlob dokumenti bhal kif ghamlet *ai termini* tar-**regolament 13A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05**. Dwar is-sottomissjoni, li l-Qorti ma hallitx lid-difiza tikkomunika mal-Avukat Taljan minn imkien ma jirrizulta mill-verbali li saret talba fis-sens li l-Avukat Taljan kien qieghed ukoll jippatrocina lill-estradand tant li skont ma jirrizulta mill-verbali, f'kull seduta dehru Dr Arthur Azzopardi u Dr Stephen Tonna Lowell ghall-estradand. Lanqas ma giet ivverbalizzata xi talba sabiex huma jithallew jikkomunikaw mal-Avukat Taljan.

Mir-recordings li kienu a disposizzjoni ta' din il-Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Qorti Rimandanti hadet rwol attiv hafna fil-proceduri. Jirrizulta ukoll li f'mument minnhom espremiet ruhha b'tali mod li setghet taghti x'tifhem li hassitha offiza li intalbet referenza preliminari peress li hasset li setghet tasal ghal decizjoni minghajr ma tirreferi lil Qorti Ewropea. Madankollu ma jirrizultax li l-partijiet ma kellhomx l-opportunita' li jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom. In oltre, din il-Qorti ma tistax ma temfasizzax li l-Qorti Rimandanti ghandha rwol partikolari hafna u dan kif jirrizulta mill-Ordni dwar pajjizi barranin appuntati dwar l-estradizzjoni, u cioe' kif tipprovdi l-**Legislazzjoni Sussidjarja 276.05,** tant li kif gia kkunsidrat il-Qorti ghandha s-setgha skont ir-**regolament 13A tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja** sabiex titlob informazzjoni supplimentari u dan jekk jirrizulta lil Qorti li l-informazzjoni komunikata mill-awtorita' li tkun harget mandat, tkun insufficjenti biex hija tkun tista' tiddeciedi dwar il-konsenja. L-irwol attiv tal-Qorti huwa anke kkonfermat mir-**regolament 31A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05** fejn fis-**subartikolu (2)** il-Qorti ghandha tiddeciedi wara konsultazzjoni mal-Avukat Ġenerali, fi kliem il-legislatur:

*(2)<u>Il-qorti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni ma' l-Avukat Ġenerali</u>, jekk għandhiex:*
*(a) temporanjament tittrasferixxi lill-persuna mitluba lejn il-pajjiż rikjedenti taħt dawk il-kondizzjonijiet u għal dak il-perjodu li jista' jsir ftehim dwaru, <u>bi ftehim ma' l-Avukat Ġenerali, ma' l-awtorità ġudizzjarja rikjedenti</u>; u*

*(b) tordna li t-talba għandha tiġi komunikata lil maġistrat sabiex tiġi esegwita f'liema każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 649(1) u (6) tal-Kodiċi Kriminali.*'
(Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Ghalhekk l-ordni ghal dokumentazzjoni ulterjuri li saret ai termini tar-**regolament 13A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05** mhijiex tali '*li tilqa*' *ghall-mankanzi tal-prosekuzzjoni sabiex tinnewtralizza d-difizi ta*' *l-estradant li jkun.*' izda hija skont is-setgha li l-Qorti ghandha skont dan ir-regolament. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi respint ukoll.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk tichad it-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti tordna referenza kostituzzjonali.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju bl-ittra 'c' huwa intitolat '*Dwar riferenza lil Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropei*'. Illi t-tielet aggravju jitratta l-fatt li l-Ewwel Qorti cahdet it-talba maghmula mill-estradand permezz ta' rikors ipprezentat nhar it- 2 ta' Mejju 2019 li ssir riferenza ghal Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej in konnessjoni mal-inkorporazzjoni tal-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2002 *[2002/584/JHA]* fil-ligi nostrana.

Fir-rikors tal-appell ma tnizzlux il-mistoqsijiet li qieghdin jintalbu li jigu riferiti lil Qrati Ewropew izda saret referenza ghal fol 75. Fin-nota a fol 75, tnizzlu z-zewg segwenti mistoqsijiet:

*'1. Ir-Regolament 31A tal-Avviz Legali 30 tas-sena 2004, kif sussegwentement emendat, ossia S.L.276.05, jirrispekkja l-obbligi li ghandha Malta fuqha imposti a tenur tal-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsil ta' nhar it-13 ta' Gunju 2002 [2002/584/JHA]?*

*2.Fid-dawl tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' nhar it-13 ta' Gunju 2002 [2002/584/JHA] fid-dawl tad-Direttiva 2014/41/EU, jista' Stat Membru jutilizza l-procedura tal-Mandat ta' Arrest Ewropew meta l-persuna hija mfittxija ai fini ta' investigazzjoni biss, minflok ma jutilizza Ordni ta' investigazzjoni Ewropew?'*

Din it-tieni mistoqsija ma tissemmiex fir-rikors tal-appell, izda fl-appell tieghu, l-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 31A tal-Avviz Legali 320 tas-sena 2004 li din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant qieghed jirreferi ghal L**egislazzjoni Sussidjarja 276.05 u l-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadra tal-Kunsill** ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2002 *[2002/584/JHA].*

Din il-Qorti sejra tipproduci dawn iz-zewg artikoli, u cioe' **ir-regolament 31A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05** li jaqra:

*'(1) Dan l-artiklu japplika jekk f'xi waqt matul iż-żmien li fih ikun qiegħed isir is-smigħ dwar l-estradizzjoni l-qorti tiġi mgħarrfa li tkun saritilha talba mingħand l-awtorità ġudizzjarja tal-pajjiż skedat biex tisma' lill-persuna li dwarha jkun inħareg il-mandat taħt it-Taqsima II.*
*(2)Il-qorti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni ma' l-Avukat Ġenerali, jekk għandhiex:*
*(a) temporanjament tittrasferixxi lill-persuna mitluba lejn il-pajjiż rikjedenti taħt dawk il-kondizzjonijiet u għal dak il-perjodu li jista' jsir ftehim dwaru, bi ftehim ma'l-Avukat Ġenerali, ma' l-awtorità ġudizzjarja rikjedenti; u*
*(b) tordna li t-talba għandha tiġi komunikata lil maġistrat sabiex tiġi esegwita f'liema każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 649(1) u (6) tal-Kodiċi Kriminali.'*

**L-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadra** in kwistjoni jaqra:

*'1. Fejn il-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ għall-iskop tat- tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali, l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi għandha:*

*(a) jew taqbel li l-persuna rikjesta għandha tinstema' skond l-Artikolu 19;*

*(b) jew taqbel għat-trasferiment temporanju tal-persuna rikjesta.*

*2. Il-kondizzjonijiet u t-tul tat-trasferiment temporanju għandhom ikunu stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji li jesegwixxu u dawk li joħorġu l-mandat.*

*3. Fil-każ ta' trasferiment temporanju, il-persuna għandha tkun tista' tirritorna lill-Istat Membru li jesegwixxi sabiex tattendi seduti dwarha bħala parti mill-proċedura ta' ċediment.'*

Umbghad l-**artikolu 19 tad-Decizjoni Kwadra** jaqra:

*'1. Il-persuna rikjesta għandha tinstema' minn awtorità ġudizzjarja, assistita minn persuna oħra nominata skond il-liġi ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjedenti.*

*2. Il-persuna rikjesta għandha tinstema' skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jesgwixxi u bil-kondizzjonijiet stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji li joħorġu u dawk li jese- gwixxu l-mandat.*

*3. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti li tesegwixxi tista' tagħti awtorità ġudizzjarja oħra ta' l-Istat Membru tagħha biex tieħu parti fis-seduta tal-persuna rikjesta sabiex tassigura l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu u tal-kondizzjonijiet stabbiliti.'*

L-appellant jissottometti li meta wiehed jaqra' l-**artikolu 18 tad-Decizjonu Kwadra** u jfittex il-korrispettiv ta' dan l-artikolu fil-**Legislazzjoni Sussidjarja 276.05**, jemergi bic-car li l-inkorporazzjoni tal-**artikolu 18** fil-ligi nostana qalbet ghal kollox tali obbligu billi fil-mument ta' traspozizzjoni Malta accettat dan l-istat ta' dritt biss meta ssirilha talba f'dan is-sens mill-issuing state. Jissottometti li bil-fatt wahdani li l-Ewwel Qorti, minflokk ma rriferiet lil Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej il-kwezit imqajjem, ghaddiet sabiex spjegat kif skond hi "*Malta ttrammandat korrettament id-dispozizzjoni tal-artikoli 18 u 19 tad-Decizjoni Kwadru*" aktar kompla jikser id-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq, tenut kont tal-fatt l-gudikant li ghadda tali gudizzju fuq Malta kienet il-persuna naturali li abbozzat tali emenda.

Din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra l-principji li jirregolaw il-kwistjoni dwar jekk ghandhiex issir referenza preliminari lil Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fl-ewwel lok, l-**artikolu 267 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** (Verżjoni Konsolidata) jipprovdi li:

*'Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha jkollha l-kompetenza li tagħti sentenzi preliminari dwar:*

*a) l-__**interpretazzjoni**__ tat-Trattati;*

*b) il-__**validità u l-interpretazzjoni**__ ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet, korpi jew organi ta' l-Unjoni;*

*Meta l-kwistjoni titqajjem quddiem xi qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru, dik il-Qorti jew tribunal jistgħu, jekk ikun jidhrilhom li deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni tkun meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza, jitolbu lill-Qorti sabiex tagħti deċiżjoni dwarha.*

*Meta l-kwistjoni titqajjem f'każ pendenti quddiem xi qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra id- deċiżjonijiet tiegħu ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal, għandhom jirriferu l-kwistjoni lill-Qorti.*

*Jekk din il-kwistjoni titressaq f'każ pendenti quddiem ġurisdizzjoni ta' Stat Membru fir-rigward*

*ta' persuna miżmuma f' kustodja, il-Qorti għandha taġixxi mill-aktar fis possibbli.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Paul Borg'**[24] il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat:

*'Dwar din id-definizzjoni l-appellant qal li din toħloq element ta' diskriminazzjoni bejn ċittadin ta' Malta u ċittadini ta' pajjiżi oħra u talab li ssir referenza lill-Qorti tal- Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 460 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-**artikolu 5 tal-Kap 460** jgħid hekk:*

***'5. (1) Għall-finijiet ta' kull proċediment quddiem xi qorti jew awtorità ġudikanti oħra, kull kwistjoni dwar it-tifsir jew l-effett tat-Trattat, jew dwar il-validità, tifsir jew effett ta' xi istrumenti li joħorġu minnu jew taħtu, għandha tiġi ttrattata bħala punt ta' dritt u jekk ma tkunx riferita lill-Qorti tal-Gustizzja tal-komunitajiet Ewropej, tkun għad-deċiżjoni bħala tali skont il- prinċipji stabbiliti minn, u kull deċiżjoni rilevanti ta', il- Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' kull qorti marbuta magħha**.'*

*Waqt li l-**artikolu 267 tat-Trattat dwar Kif Tiffunzjoni l- Unjoni Ewropea** jgħid hekk:*

***'The Court of Justice shall have jurisdiction to give preliminary rulings concerning:***

***(a) The interpretation fo the Treaties;***

***(b) The validity and interpretation of acts of the institutions, bodies, offices or agencies of the Union.'***

*Dwar l-**artikolu 267 (qabel 234) tat-Trattat**, l-awtur **Anthony Arnull** fil-ktieb tiegħu '**The European Union and Its Court of Justice**' jgħid hekk:*

***'Article 234 (issa 267) enables any question of EC (issa EU) law to be referred to the Court of Justice for a preliminary ruling by any national court or tribunal which considers a decision on the question 'necessary to enable it to give judgment.' The question may may be raised either by one fo the parties or by the judge of his or her own motion. .....***

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju, 2013 (Appell Kriminali Numru: 203/2012)

***Questions which may be the subject of a reference include, s well as questions on the interpretation of the EC (issa EU) Treaty itself, questions on one fo the amending Treaties or on one fo the Treaties of Accession, as well as questions on the validity and interpretation of the Community institutions and non- binding measures such as recommendations. References may also be made on whether a provision of Community law produces direct effect, that is, whether it confers rights on individuals which national courts are bound to protect. This is considered a question of interpretation.***

***The meaning or effect of a previous judgment of the Court may also be the subject of a reference, because this amounts effectively to a request for guidance on the interpretation of the underlying provisions of Community law.'***[25]

*Fid-dawl ta' dawk kollu li ntqal fit-tliet paragrafi preċedenti, ma jirriżultax li t-talba tal-appellant tista' tintlaqa' u dana għaliex il-Kap 409 tal-Liġijiet ta' Malta la jista' jitqies it-Trattat, la xi azzjoni tal-istitutuzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u lanqas xi interperatazzjoni ta' xi deċiżjoni mogħtija mill- ECJ.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Carmelo BORĠ vs AVUKAT ĠENERALI TAR-REPUBBLIKA, Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern, u Il-Prim Ministru'**[26] intqal *'Illi r-rikorrent jibni t-talba tiegħu billi jgħid li l-ilment kostituzzjonali tiegħu (kif imressaq fir-Rikors promotur) jissejjes fuq il-fatt li l-Avviż Legali 320 tal-2004 ħalla barra xi dispożizzjonijiet*[27] *tal-Framework Decision on the European Arrest Warrant and the Surrender Procedures between Member States adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja fit-13 ta' Ġunju tal-2002*[28]*. Huwa jgħid li t-tħollija barra fil-liġi tagħna ta' dawk id-dispożizzjonijiet twassal għall-ksur ta' d-drittijiet fondamentali tiegħu għall-ħelsien mill-arrest arbitrarju, dak dwar deportazzjoni, u kif ukoll dak għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent iżid jgħid li dan il-fatt joħloq nuqqas ta' implimentazzjoni xierqa tal-imsemmija "Framework Decision" min-naħa tal-Istat Malti, u għalhekk hija l-Qorti Ewropeja li trid tiddeċiedi din il-kwestjoni'*

---

[25] Second Edition Oxford University Press Paġni 104 -105 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

[26] Deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-24 ta' Novembru, 2005 (Rikors Numru: 53/2005)

[27] Jagħmel riferenza għall-artikolu 4.7 tal-*Framework Decision (Footnote 1)* (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

[28] Rif. 2002/F584/JHA (OJ L 190 tat-18.7.2002) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

Dik il-Qorti kienet iddeciediet:

*'Illi meta tintalab li ssir riferenza taħt l-artikolu 234 (1)(b), dwar it-tifsira ta' xi att komunitarju, din tkun tista' ssir minkejja li dak l-att ma jkollux effett dirett fis-sistema ġuridiku tal-Istat Imsieħeb*[29] *u imqar jekk l-att ikun fis-sura ta' rakkomandazzjoni*[30]*. Iżda biex riferenza bħal din tkun tgħodd, trid tkun teħtieġ deċiżjoni mill-Qorti Ewropeja dwar interpretazzjoni ta' xi att komunitarju fuq aspett li dwaru hija ma tkunx tat diġa' xi deċiżjoni*[31]*. Il-Qorti domestika għandha u hija mħeġġa li toqgħod fuq il-preċedenti tal- Qorti Ewropeja dwar xi punt jew qasam li dwaru diġa' jkunu ngħataw deċiżjonijiet minn dik il-Qorti;*

*Illi tajjeb jingħad (għaliex dan il-punt tqajjem fit-trattazzjoni tar-rikors mill-avukati tal-partijiet), li l-proċedura tar- riferenza hija miftuħa wkoll għal oqsma li fil-bidu ma kienx maħsub li l-artikolu 234 (qabel l-artikolu 177) kien japplika għalihom. Kemm hu hekk, bis-saħħa tal-bidliet li ddaħħlu bit-Trattati ta' Maastricht u ta' Amsterdam, inħolqot fi ħdan il-Qorti Ewropeja "a new jurisdiction to make preliminary rulings in relation to matters still falling under the Third Pillar (Justice and Home Affairs) of the Maastricht Treaty. The Third Pillar however has now been reduced to include only provisions on police and criminal judicial co-operation.* ***References under this truncated Third Pillar may be made to the Court of Justice on the validity and interpretation of framework decisions and decisions on the interpretation of measures implementing conventions****"*[32] *;*

*Illi madankollu, taħt l-imsemmi artikolu, Qorti nazzjonali għandha l-jedd li tagħżel li ma tressaqx riferenza lill-Qorti Ewropeja fejn il-kwestjoni tat-tifsir tal-att komunitarju ma tkunx rilevanti fis-sens lit-tweġiba għall-mistoqsija, tkun xi tkun, ma jkollha l-ebda effett fuq is-sentenza aħħarija. Daqstant ieħor hija l-Qorti domestika li għandha s-setgħa waħdanija li*

---

[29] Kapteyn & VerLoren van Themaat Introduction to the Law of the European Communities (3[et] Ediz, 1998) paġ. 500 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

[30] Ara ECJ fil-kawża ***Salvatore Grimaldi vs Fonds des Maladies Professionelles*** (1989) (Każ 322/88) FOOTNOTE 11(Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hdax (11) fis-sentenza citata)

[31] Ara ECJ fil-kawża ***Van Gend en Loos (NV Algemene Transporten Expeditie Onderneming) vs Nederlandse Administratie der Belastingen*** (1963) (Każ 26/62) footnote 12(Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnax (12) fis-sentenza citata)

[32] Brown & Kennedy *op. cit.,*paġ. 208 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) fis-sentenza citata)

*tiddeċiedi jekk deċiżjoni preliminari tal-Qorti Ewropeja hijiex meħtieġa qabel ma tista' tingħata s-sentenza fil-mertu*[33]*. Lanqas ma huwa meħtieġ li r- riferenza tkun waħda deċiżiva fuq il-mertu tal-każ, iżda biss fuq il-kwestjoni mqanqla ta' dritt komunitarju;*

*Illi wieħed jagħmel sewwa li jagħraf li l-artikolu 234 tat- Trattat ma jgħidx li r-riferenza hija obbligatorja, iżda li d- deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ewropeja bis-saħħa tar- riferenza hija meħtieġa għall-għoti tas-sentenza li tiddetermina l-mertu tal-każ*[34]*. Fejn il-mistoqsijiet tar-riferenza ma jkunux rilevanti jew meħtieġa għas-soluzzjoni fil-mertu tal-każ li jkun quddiem il-Qorti domestika, il-Qorti Ewropeja hija magħrufa li irroftat li twettaq is-setgħat tagħha taħt l-artikolu 234*[35]*;*

*Illi taħt l-artikolu 234(1)(b) s-setgħa tal-Qorti Ewropeja dwar riferenza li ssirilha hija dwar is-siwi jew l- interpretazzjoni ta' xi att komunitarju. Wieħed m'għandux iħawwad l-interpretazzjoni mal-applikazzjoni ta' att bħal dak. Il-Qorti Ewropeja tieqaf fl-istadju tal-interpretazzjoni ta' att komunitarju bla ma torbtu maċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li dwaru ssir ir-riferenza. Dan isir biex it-tifsira li tkun ingħatat tkun tista' tiġi applikata (mill-Qrati domestiċi) kull fejn u f'kull każ li l-kwestjoni tqum quddiemhom. Dan ifisser ukoll li l-applikazzjoni ta' dik it-tifsira tkun imħollija għall-Qorti domestika*[36]*. Għalhekk, fejn il-kwestjoni tkun tirreferi għall-applikazzjoni ta' norma komunitarja fi ħdan liġi domestika u mhux għat-tifsir tagħha, jkun għal xejn li l- Qorti Ewropeja tintalab tagħti deċiżjoni preliminari;*

*Illi mill-istħarriġ li laħqet għamlet din il-Qorti, ma jirriżultax li sal-lum il-Qorti Ewropeja ntalbet tagħti xi tifsira tal- "Framework Decision" jew dwar il-Warrant tal-Arrest Ewropew;*

*Illi dawn huma, fil-qosor, il-prinċipji ġenerali li fuqhom din il-Qorti sejra timxi biex tqis it-talbiet tar-rikorrent;*

---

33 Ara ECJ fil-kawża ***Costa vs ENEL*** (1964) (Każ 6/64) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) fis-sentenza citata)

34 Ara C of A **1974** fil-kawża ***H.P. Bulmer Ltd. vs J. Bollinger SA*** (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hmistax (15) fis-sentenza citata)

35 Ara ECJ fil-kawża ***Wienand Meilicke vs ADV/ORGA F.A. Meyer AG*** (1992) (Każ 83/91) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) fis-sentenza citata)

36 Craig & De Burca EU Law: Text, Cases & Materials (3et Ediz, 2003) paġ. 472 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax (17) fis-sentenza citata)

*Illi l-Qorti, filwaqt li tibqa' żżomm quddiem għajnejha t- termini u l-parametri tar-Rikors promotur, tqis li d-determinazzjoni ta' din il-kwestjoni għandha ssir mingħajr ma tidħol fil-qofol tal-imsemmija termini. Għalhekk, xejn li sejjer jingħad f'din id-deċiżjoni ma għandu jitqies li b'xi mod din il-Qorti qegħda tiddelibera u tiddeċiedi dwar il- kwestjoni fil-mertu tal-każ li tressaq quddiemha. Dan hija għamlitu ċar ukoll lill-avukati tal-partijiet waqt it-trattazzjoni tar-rikors interlokutorju preżenti, u seħqet magħhom li, f'dan l-istadju tal-kawża, huma ma għandhomx jittrattaw dwar il-mertu tar-Rikors promotur;*

*Illi, magħmula din il-kjarifika, il-Qorti tgħid li ma taqbel xejn mal-argument tal-intimati li l-artikolu 4.7 tal-"Framework Decision" jagħti lill-Istat Malti l-fakulta' li jagħżel li jdaħħal id-dispożizzjonijiet tiegħu fil-leġislazzjoni domestika. Huwa ċar li d-diskrezzjoni maħsuba fl-imsemmi artikolu hija diskrezzjoni mogħtija lill-awtorita'* ***ġudizzjarja*** *esekutanti ("executing judicial authority") fil-każ li titressaq quddiemha talba biex tikkonvalida u tordna l-esekuzzjoni tal-arrest. L-Istat Malti ma jista' bl-ebda mod jitqies bħala awtorita' aġudizzjarja esekutanti: din hija funzjoni esklussiva tal-Qrati Maltin. Minbarra dan, id-diskrezzjoni tapplika u tkun tista' titwettaq biss minn Qorti domestika jekk kemm-il darba dik id-dispożizzjoni tkun iddaħħlet fil-liġi domestika. L-għażla tal-Istat Malti li jħalli barra dik id- dispożizzjoni milli tiddaħħal fl-Avviż Legali relattiv ma kinitx determinata mill-fatt li dik id-dispożizzjoni tagħti diskrezzjoni lil Qorti domestika li tqis jekk għandhiex tordna l-arrest jew le;*

*Illi, wara li l-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-qagħda li toħroġ mill-fatti proċesswali li għandha quddiemha, hija waslet għall-fehma li m'għandhiex tressaq b'riferenza l-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent għall-attenzjoni tal-Qorti Ewropeja;*

*Illi l-ewwel konsiderazzjoni hija l-fatt li mkien fir-Rikors promotur ma saret talba biex jiġi dikjarat li l-Avviż Legali 320 tal-2004 huwa null u lanqas ma ntalab it-tħassir tiegħu. Ir-Rikors jintiseġ fuq il-fatt li, bil-liġi domestika kif inhi, qegħdin jew sejrin jinkisru l-jedd fondamentali tar- rikorrent dwar deportazzjoni, il-jedd ta' ħelsien minn żamma jew arrest arbitrarju jew illegali u l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Ir-riferenza lill-Qorti Ewropeja fit-termini li jixtieqha r-rikorrent ma tista' bl-ebda mod tagħti dawl jew soluzzjoni għal dan l-istat ta' fatt. Kif ingħad, il-Qorti Ewropeja ma tistax tippronunċja ruħha dwar liġi domestika ta' Stat Imsieħeb, u l-qofol tar-rikors huwa sewwasew din il-liġi domestika;*

*Illi, fit-tieni lok, fl-ebda waqt ma ssemma jew ingħad li hemm xi nuqqas ta' qbil jew kwestjoni ta' interpretazzjoni tal-"Framework Decision" fiha nfisha. Id-diffikulta' waħdanija hi jekk l-Istat*

*Malti messux inkorporaha fil-liġi domestika kollha kif inhi jew setax jagħżel minnha kif irid u jdaħħal fl-ordinament ġuridiku Malti biċċiet minnha. Dan allura jwassal biex wieħed jgħid li m'hemmx lanqas kwestjoni ta' interpretazzjoni jew siwi tal-imsemmija "Framework Decision". Jista' jagħti l-każ li l-kwestjoni maħluqa b'dan ir-rikors tifforma l-bażi ta' għamla oħra ta' proċedura quddiem il-Qorti Ewropeja skond it-TEU, iżda mhux ta' riferenza għal deċiżjoni preliminari;*

*Illi, fit-tielet lok, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja fuq riferenza tal-kwestjoni fit-termini mitluba mir-rikorrent m'hijiex meħtieġa biex din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi l- każ kostituzzjonali u konvenzjonali mressaq minnu. Jekk din il-Qorti sejra tiddeċiedi li l-jeddijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-rikorrent huma jew sejrin jinkisru, dan sejra tagħmlu fuq il-fatti li seħħew diġa' fit-tmexxija proċedurali minn mindu nħareġ kontrih l-Warrant tal-Arrest Ewropew, u fuq l-liġi kif inhi. Bl-ebda mod ma qegħda tintalab jew għandha għalfejn tidħol f'tifsira tal-att leġislattiv komunitarju jew fil-kwestjoni tas-siwi tiegħu fis- sistema ġuridiku Malti;*

*Illi, fir-raba' lok, il-kwestjoni mqajma fir-rikors ma jidhirx li hija waħda ta' interpretazzjoni ta' miżura li tapplika norma ta' dritt komunitarju. Ix-xilja ewlenija tar-rikorrent hija, għall-kuntrarju, n-nuqqas (volut) min-naħa tal-intimati li japplikaw miżura maħsuba f'norma komunitarja;...'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Tarek Mohammed Ibrahim v. Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates'** [37] gie kkunsidrat li:

*'7. L-artikolu 267 TFUE jgħid illi referenza preliminari tista', u quddiem qorti tal-aħħar grad għandha, issir biss meta quddiem qorti nazzjonali tqum kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati jew dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni. Fil-każ tallum l-azzjoni quddiem din il-qorti hija dwar allegazzjoni ta' ksur ta' dritt imħares taħt il- Konvenzjoni (li ma hijiex att tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni) minħabba t-tħaddim tal-liġi dwar iċ-ċittadinanza, li hija liġi domestika, u mhux minħabba t-tħaddim ta' liġi tal-Unjoni Ewropea, jew, għall-inqas, it-tħaddim ta' liġi li timplimenta liġi tal-Unjoni. Huwa paċifiku illi kwistjonijiet dwar iċ-ċittadinanza huma kompetenza tal-Istati Membri u mhux tal-Unjoni.'*

[37] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar, 2016 (Rikors kostituzzjonali numru: 33/2006 AE)

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok, jigi kkunsidrat li filwaqt li meta kwistjoni li titqajjem tkun tirrigwrda *'l-__interpretazzjoni__ tat-Trattati;' jew 'b) il-__validità u l-interpretazzjoni__ ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet, korpi jew organi ta' l-Unjoni'*, il-Qrati ghandhom diskrezzjoni jiddeciedu ghandhomx jirreferu l-kwistjoni lil Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li meta l-kwistjoni titqajjem f'kaz pendenti quddiem Qorti li kontra d-decizjonijiet tieghu ma jkun hemm ebda rimedju gudizzjajru taht il-ligi nazzjonali, dik il-Qorti ghandha tirreferi l-kwistjoni lil Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kaz partikolari, it-talba sabiex ssir referenza tqajmet kemm quddiem il-Qorti Rimandanti kif ukoll quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali. Stante li jirrizulta li l-estradand jibqghulu rimedji minn decizjoni ta' din il-Qorti, u cioe' rimedji quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kif ukoll quddiem il-Qorti Kostitutzzjonali, din il-Qorti ma hijiex obbligata li tordna li ssir ir-referenza preliminari lil Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Din il-Qorti trid tikkunsidra jekk il-kwistjonijiet imqajma mill-estradand humiex kwistjonijiet permessi skont l-**artikolu 267 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** u jekk fl-ahhar mill-ahhar din il-Qorti jehtiegiliex li tirreferi l-kwistjoni lil Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex hija tkun tista tasal ghal decizjoni fuq il-mertu.

Il-proceduri ta' referenza preliminari lil Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea hija limitata ghal kwistjonijiet dwar:

*'a) l-__interpretazzjoni__ tat-Trattati;*

*b) il-__validità u l-interpretazzjoni__ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet, korpi jew organi ta' l-Unjoni'*

Jekk it-talba tkun tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Decizjoni kwadra in kwistjoni u li l-Qorti ma tkunx tista' tasal ghal decizjoni dwar il-mertu minghajr ma ssir tal-referenza, il-Qorti ghandha tordna r-referenza. Fid-decizjoni tal-First Chamber u cioe' '**__C-492/18 PPU, REQUEST for a preliminary ruling under Article 267 TFEU from the rechtbank__**

**Amsterdam (District Court, Amsterdam, Netherlands), made by decision of 27 July 2018, received at the Court on 27 July 2018, in the proceedings relating to the execution of the European arrest warrant issued in respect of TC'** [38]

*'29. In that regard, it should be stated, in the first place, that this request for a preliminary ruling concerns the interpretation of Framework Decision 2002/584, which falls within the fields covered by Title V of Part Three of the FEU Treaty, relating to the area of freedom, security and justice. Consequently, this reference is capable of being dealt with under the urgent preliminary ruling procedure.'*

Fl-istess decizjoni, gie kkunsidrat li:

*'67. In that regard, it is clear from the Court's settled case-law that the binding character of a framework decision places on national authorities, including national courts, an obligation to interpret national law in conformity with EU law. When those courts apply domestic law, they are therefore bound to interpret it, so far as possible, in the light of the wording and the purpose of the framework decision concerned in order to achieve the result sought by it. This obligation to interpret national law in conformity with EU law is inherent in the system of the FEU Treaty, since it permits national courts, for the matters within their jurisdiction, to ensure the full effectiveness of EU law when they rule on the disputes before them (judgment of 29 June 2017, Popławski, C-579/15, EU:C:2017:503, paragraph 31 and the case-law cited).*

*68. In particular, the principle that national law must be interpreted in conformity with EU law requires national courts to do whatever lies within their jurisdiction, taking the whole body of domestic law into consideration and applying the interpretative methods recognised by it, with a view to ensuring that the framework decision in question is fully effective and to achieving an outcome consistent with the objective pursued by it (judgment of 29 June 2017, Popławski, C-579/15, EU:C:2017:503, paragraph 34 and the case-law cited).'*

Kif ikkunsidrat f''***Reference tot he Court under Article 177 of the EEC Treaty by the first Civil Division of the Corte Suprema di Cassazione (Supreme Court of Cassation) for a preliminary ruling int he proceedings pending before that court SRL CLIFIT -in***

[38] Deciza fit-12 ta' Frar, 2019 (C-492/18 PPU)

***<u>liquidation - and 54 Others, Rome, v MINISTRY OF HEALTH, in the person of the Minister, Rome, and LANFICIO DI GAVARDO SpA, Milan'</u>***[39]:

*'The Commission therefore proposes that, the question referred to the Court of Justice for a preliminary ruling should be answered as follows:*

*"Under the third paragraph of Article 177 of the EEC Treaaty courts against whose decisions there is no judicial remedy under national law must refer to the Court of Justice any question raised before them regarding the meaning of a provision of Community law, unless they have established that that provision does not give rise to any reasonable interpretative doubt."*

Kien gie kkunsidrat ukoll li

*'9. In this regard, it must in the first place be pointed out that Article 177 des not constitute a means of redress available to the parties to a case pending before a national court or tribunal. Therefore the mere fact that a party contends that the dispute gives rise to a question concerning the interpretation of Community law does not mean that the court or tribunal concerned is compelled to consider that a question has been raised within the meaning of Article 177. On the other hand, a national court or tribunal may, in an appropriate case, refer a matter to the Court of Justice of its own motion.*

*10. Secondly, it follows from the relationship between the second and third paragraphs of Article 177 that the courts or tribunals referred to in the third paragraph have the same discretion as any other national court or tribunal to ascertain whether a decision on a question of Community law is necessary to enable them to give judgment. Accordingly, those courts or tribunals are not obliged to refer to the Court of Justice a question concerning the interpretation of Community law raised before them if that question is not relevant, that is to say, if the answer to that question, regardless of what it may be, can in no way affect the outcome of the case.*

*11. If, however, those courts or tribunals consider that recourse to Community law is necessary to enable them to decide a case, Article 177 imposes an obligation on them to refer to the Court of Justice any question of interpretation which may arise.'*

[39] Deciza fis-6 ta' Ottubru, 1982 (283/81)

Dwar it-tieni domanda u cioe' '2. *Fid-dawl tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' nhar it-13 ta' Gunju 2002 [2002/584/JHA] fid-dawl tad-Direttiva 2014/41/EU, jista' Stat Membru jutilizza l-procedura tal-Mandat ta' Arrest Ewropew meta l-persuna hija mfittxija ai fini ta' investigazzjoni biss, minflok ma jutilizza Ordni ta' investigazzjoni Ewropew?'* li tinsab a fol 75, ma huwiex car jekk l-appellant ghadu qieghed jinsisti li ghandha ssir referenza dwar dan il-punt peress li fir-rikors tal-appell tieghu senjatament fl-aggravju 'c' huwa jiffoka fuq l-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadra u l-artikolu 31A tal-Avviz Legali 30 tas-sena 2004. L-Ewwel Qorti fid-digriet taghha tad-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) dahlet f'ammont sostanzjali ta' dettall dwar jekk mandat ta' arrest Ewropew jistax jinhareg ai fini ta' investigazzjoni u ikkonkludiet li '*minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent hu mfittex ai fini t'investigazzjoni biss u ghalhekk it-tieni talba tieghu hi wahda ghal kollox superfluwa.*' Dwar dan, din il-Qorti ma thoss li tezisti l-htiega li ssir referenza dwar dan il-punt.

Kemm mill-ewwel domanda li ingiebet quddiem il-Qorti Rimandanti u li tinsab a fol 75 u cioe' '*1. Ir-Regolament 31A tal-Avviz Legali 30 tas-sena 2004, kif sussegwentement emendat, ossia S.L.276.05, jirrispekkja l-obbligi li ghandha Malta fuqha imposti a tenur tal-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsil ta' nhar it-13 ta' Gunju 2002 [2002/584/JHA]?*' kif ukoll mit-trattazzjoni li ghamlu l-partijiet quddiem din il-Qorti, jirrizulta li l-kwistjonijiet lamentati mill-estradand f'dak li jirrigwarda x'ghandu jigi riferut hija kwistjoni ta' trasposizzjoni o meno tad-Decizjoni Kwadra [2002/584/JHA] u cioe' jekk il-ligi nostrana tirispettax l-obbligi kif jinsabu fid-Decizjoni Kwadra. Id-difiza ghamlet referenza ghal numru ta' konflitti bejn dak li tiprovdi d-Decizjoni Kwadra [2002/584/JHA] ghal dak li tipprovdi l-ligi nostrana, fosthom *time windows* kif imnizzla fl-artikolu 17 tal-Decizjoni Kwadra u li in oltre d-Decizjoni Kwadra tiprovdi anke l-possibilta' ta' estensjoni ta' zmien, liema disposizzjonijiet mhumiex riflessi fil-ligi domestika u cioe' fl-implementazzjoni tad-Decizjoni Kwadra fil-Ligi ta' Malta. L-estradand qieghed jitlob li l-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea tghid jekk it-trasposizzjoni tad-Decizjoni Kwadra in kwistjoni kinitx tajba jew le skont l-estradand, mhux biss vjolazzjoni tad-dritt Ewropew izda anke l-vjolazzjoni d-dritt tal-estradand. L-appellant fis-sottomissjonijiet orali jemfasizza ukoll li r-referenza preliminari hija mehtiega peress li f'kaz li l-estradand ha jitlaq minn Malta irid jigi stabbilit ghal liema

perjodu sejjer imur. Dwar dan l-artikolu 31A(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 tipprovdi:

*(2)Il-qorti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni ma' l-Avukat Ġenerali, jekk għandhiex:*
*(a) temporanjament tittrasferixxi lill-persuna mitluba lejn il-pajjiż rikjedenti taħt dawk il-kondizzjonijiet* ***u għal dak il-perjodu*** *li jista' jsir ftehim dwaru, bi ftehim ma' l-Avukat Ġenerali, ma' l-awtorità ġudizzjarja rikjedenti; u*

*(b) tordna li t-talba għandha tiġi komunikata lil maġistrat sabiex tiġi esegwita f'liema każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 649(1) u (6) tal-Kodiċi Kriminali.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjonijiet migjuba mill-appellant abbazi ta' liema talab ir-referenza lil Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea huma kwistjonijiet relatati mat-trasposizzjoni tad-Decizjoni Kwadra o meno izda mhux strettament kwistjonijiet rigwardanti interpretazzjoni tad-Decizjoni Kwadra, in oltre din il-Qorti hija tal-fehma li lanqas huma kwistjonijiet li jinpingu fuq il-mertu tant l-kwistjoni li trid tigi deciza u cioe' jekk l-mandat ta' arrest Ewropew huwiex validu jew huwiex null. Ghalkemm il-Qorti mhijiex prekluza milli a sua sponte tirreferi kwistjonijiet ohra li huma mehtiega sabiex tkun tista' tiddeciedi l-mertu u dan fil-parametri tal-**artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**, din il-Qorti ma thoss li hemm il-htiega li kwistjonijiet jigu riferuti.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk tichad it-tielet (3) aggravju bl-ittra 'c'.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-aggravji bl-ittri 'a', 'b', 'c' u 'g' kif ukoll tichad it-talba sabiex issir referenza kostituzzjonali maghmula fis-seduta tat- 23 ta' Mejju 2019 u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef